# L-IMNARA



**GĦAQDA MALTIJA TAL-FOLKLOR**

**2000**

**Vol. 6 Nru. 3 Ħarġa Nru.24**

# L - IMNARA

**Vol. 6 Numru 3** **Harġa Numru 24**

**2000**

WERREJ

| | | |
|---|---|---|
| MAN-NANNU F' WIED BUFULA | Joe Ellul | 76 |
| THE CRICKET'S CAGE | Angelo Dougall | 82 |
| TAL-BARKLORI | Anton Attard | 84 |
| IX-XELTER | John C. Sarè | 86 |
| ĦĠEJJEĠ TA' SAN ĠWANN LI NIFTAKAR | Angelo Dougall | 88 |
| DOQQ, JA BEDBUT, DOQQ | Anna Borg Cardona | 92 |
| L-INĦAWI TA' BORMLA | Lorenzo Zahra | 101 |
| IT-TAGĦLIM TAD-DUTTRINA | Guido Lanfranco | 102 |
| L-IŻVILUPP TAL-VARI TAL-PASSJONI | Joseph C. Camilleri | 109 |
| THE MALTESE BALCONY | Angelo Dougall | 113 |
| XOGĦOLIJIET MILL-MEMBRI TA' L-GĦAQDA TAL-FOLKLOR | | 117 |
| LISTA TA' MEMBRI EFFETTIVI GĦAS-SENA 2000 | | 118 |

Bullettin ta' l-Għaqda Maltija tal-Folklor. Joħroġ darba, Iżda jista' joħroġ darbtejn fis-sena. L-opinjonijiet li jidhru hawn m'humiex neċessarjament dawk ta' l-Għaqda jew ta' l-Editur, jekk ma jkunx hekk speċifikat.

Indirizz ta' l-Editur: 78, Triq San Trofimu, Tas-Sliema, SLM 02

MAN - NANNU F' WIED BUFULA **Joe Ellul**

. In-Nannu Pepp, Alla jaħfirlu, kien jeħodna Wied Bufula. Kellu nitfa ta' razzett ħelu f'fomm dan il-wied, li jinsab qrib Għajn Rasul, f'San Pawl il-Baħar. Kien jaħseb minn lejlet it-tluq, jitma' 'l-ħmar ftit aħjar mis-soltu; ħadan ħarrub, siegħ xgħir, u barmil ilma ta' l-għajn, ħelu u frisk. Jiġbor kollox f'soror, jagħti daqqa t'għajn lill-karrettun u l-arnies, jiġifieri x-xedd, il-ganċ, il-mitraħ ta' taħt ix-xedd, il-barda u t-taranti, u ma jinsiex il-ħannieqa msensla b'għamra ġnieġel, il-kappestru li kien ixidd f'ras il-ħmar, u r-riedni. Ma kienx jinsa l-frosta, għax meta l-ħmar kien iwebbes rasu, ħmar hu, kien jibża' jofroq xi għadira ilma, li dak iż-żmien kienet komuni, meta t-toroq ma kinux joħolmu bl-asfalt jew tarmak, imma kienu jixbhu aktar lil xi trejqa mwarrba li ssib forsi llum madwar l-Aħrax tal-Mellieħa.

Wara li jara li kollox sewwa, kien joftor fuq platt, minestra tagħqad fuq id-difrejn, li kienet tlesti n-nanna. Dik ma kinetx taf b'tisjir ta' llum, imma brodu, minestra, soppa ta' l-armla, soppa tal-majjal, u hekk; nhar ta' Ħadd patata l-forn jew fenek moqli. Kien jindafar sewwa n-nannu u mal-platt u l-kisra ħobż tad-dar, kien ilegleg dak it-terz inbid, li aktarx kont nixtrh jien mingħand "Ta' Bajtra", irrid ngħid inbid ta' l-għeneb, iswed u jfuħ, mhux għasir tal-ħarrub mgħolli u mdewwi bil-qxur tar-rummien, jiġifieri msewwi f'għasra zokkor. B'sold inbid kienet timlielek flixkun tan-nofs.

Wara l-fatra, li minnha aktarx kien imissni sehem jien ukoll, konna ngħidu r-Rużarju Mqaddes, jirrakkonta xi praspura, għax in-nannu kien magħruf għall-praspar, u erħilna għall-friex, bi twissija biex l-għada nbakkru nisimgħu l-quddies ta' l-ewwel, fl-erbgħa u nofs ta' filgħodu. Ngħid is-sewwa, lili kienu jqajmuni wara li jiġu mill-quddies; kien għad kelli ħdax-il sena.

Mas-sebħ, kemm kemm għadu bexbex, joħroġ il-karrettun fid-dawl tal-lampa tal-pitrolju, joħroġ il-ħmar mill-maqjel, inaddfu mit-tiben li jkun weħel miegħu minn friexu, u jarmah bil-karrettun. Qabel ikun xeddlu l-għotja ta' taħt il-barda, u mbagħad ix-xedd, ilibbislu l-kappestru, idaħħlu b' lura minn bejn il-lasti tal-karrettun, jeħmeż it-taranti, jorbotlu s-sottopanza, u jdawwar ir-riedni mas-salib tal-karrettun, u erħilu jibda jgħabbi; xkora bl-għalf, oħra b'xi kutra jew ġakketta tas-suldati li jkun xtara, aktarx minn Bormla,

biex jagħtihom lil xi bidwi. Jifrex xkora fuq is-salib u jħalli l-benniena marbuta taħt il-karrettun għalija meta naħbat se ngħejja riekeb ħdejh. Ommi kienet tqum magħna, u tlestielna skutella kafè u kisra ħobż tad-dar li kienet tlewwet u taħmi n-nanna jumejn qabel; kisra oħra ħobż biż-żejt, tadam, żebbuġ, kappar u biċċa tonn iswed għal mat-triq, għax minnu li konna nitilqu kmieni, imma bejn li t-triq ħażina, il-ħżim tal-ħmar, u dik il-waqfa jew tnejn, l-ewwel għand Wenzu tal-pastizzi, il-Mosta, u wara għand xi bidwi ħabib, bejn Burmarrad u s-Salini. X'aktarx li jien kont issibni mimdud fil-benniena, mhux rieqed, minħabba l-istroffi u ħofor tat-triq u dik iż-żegliga tal-karrettun, trid tkun bumerin biex tmur għajnek bik.

Sadattant ikun sebaħ. Fir-rebbiegħa tinsa l-istroffi li jkissrulek għadmek u titgħaxxaq bil-ħdura ta' madwarek. It-triq dejqa kemm jgħaddu bil-ħniena żewġ karrettuni, imberfla bl-ingliża safra u tleqq, biż-żigland, ħannewija, bużbież, xewk u għollieq, siġar taż-żnuber u prinjoli, u xi waħda taż-żebbuġ ukoll. Meta konna naslu għan-niżla ta' San Ġużepp, in-nannu kien jorbot il-krikk u jinżel minn fuq il-karrettun u miegħu kont ninżel jien ukoll. Kont nibbies fuq is-salib jew fil-benniena, u erħili niġbor xi ftit plejju, papoċċi u ħabb-il qamħ u n-nannu kien iwissini biex ma naqtax tengħud u biex inwarrab mill-ħurrieq. Meta naslu Għajn Riħana kont nitgħaxxaq nittawwal minn fuq l-arkati, lejn il-miġra ilma li, għalkemm Mejju, kienet għadha tirgħa f'qiegħ il-wied. Aktarx fuq iz-zuntier tal-knisja ħelwa ta' Santa Margerita kont issib xi bidwi xwejjaħ ipejjep pipa tabakk; ġie li n-nannu kien jafu u erħilhom, wara li jsellmu 'l-xulxin, in-nannu kien joħroġ borża minn ħobbu u jistieden lix-xiħ jimla l-pipa. Jgħidu kelmtejn, isaqsu għat-tali u għall-ieħor, u nirkbu u nitilqulha għal San Pawl. Naslu ħdejn l-għajn tal-bhejjem li kienet tinsab f'ras Burmarrad (fejn illum hemm il-knisja tal-Madonna) u jressaq il-ħmar biex jixrob. Aħna aktarx konna nġorru bomblu tal-fuħħar u nissieħbu mal-ħmar, nixorbu boqqa friska aħna wkoll. Xorob il-ħmar u tlaqna, jien niskanta lejn ħmar ieħor b'għajnejh mgħammdin b'biċċa nċirata maħmuġa, idawwar is-sienja ta' l-ilma li kien hemm qalb is-siġar tal-luq u tal-ħarrub, fuq il-lemin, int u nieżel San Pawl il-Baħar.

Rari tiltaqa' ma' karrettun ieħor, jekk mhux xi bidwi ġej lura minn għand il-pitkali ta' Birkirkara, mgħobbi b'xi xirja ħafifa ta' ħtiġijiet tad-dar li ma kontx issibhom ir-raħal, u jista' jkun ukoll ma' xi karrozzin iwassal xi sinjur il-Belt.Mela wasalna ħdejn L-Ispralli.



IR-RAZZETT TA' WIED BUFULA THARES MINN ĠEWWA C.1930



IR-RAZZETT TA' WIED BUFULA ; S.PAWL IL-BAHAR C. 1930
(FACCATA TAT-TRAUNTANA)

Dawn kienu tabilħaqq żewġ spralli kbar f'ras Triq San Franġisk, ftit 'il bogħod minn Villa Castelletti u qrib l-ewwel lukanda. Meta nidħlu aktar 'il ġewwa, it-tislim bejn il-ħbieb jispissja. Wasalna fejn kienet il-Bay View Hotel (illum ħerba), għaddejna minn quddiem il-parroċċa, il-bibien mitbuqa, u xi raħeb ta' San Franġisk jitlajja, jara lil min jiġbed lejn il-knisja u jissajja għal xi ftit bejgħa. . . . Il-patrijiet iridu jieklu ukoll!

Issa wasalna ħdejn San Ġużepp tan-niżla. Hemm nieqfu ftit biex nidħlu għand il-ħabib tagħna Ċikku c-Ċenċul, fejn niltaqgħu ma' xi ħbieb oħra, Tal-Marden, sajjied, u oħrajn li nafuhom. Billi l-ħobż biż-żejt inkunu kilnieh mat-triq, u ikel fir-razzett m'hemmx, in-nannu kien jirranġa maċ-Ċenċul biex isajjar dik il-koxxa tal-majjal li ġibna magħna, u jistieden xi ħbieb għall-ikla ta' nofsinhar, għax s'issa ħarbu l-għaxra ta' filgħodu! Ieqaf kellem lil dak, iġbor xi ħaġa tal-flus minn għand l-ieħor, il-ħin itir!

Ħriġna, u għall-grazzja t'Alla għan-niżla tal-Veċċa. Niltaqgħu ma' Gerit tan-nagħaġ, u nirranġaw magħha għal bieqja ħalib. Sakemm il-ħmar jersaq jixrob mill-benna ta' l-ilma li ħallielna San Pawl, aħna wkoll imbillu griżmejna u nimlew il-bomblu, ilma frisk, safi u ġieri, mhux b'dik il-kitba li hemm illum "mhux tajjeb għax-xorb". Il-ħmar kien jixrob mill-ġibjetta tal-ġenb, u aħna nimlew mill-miżieb tan-niċċa. Dak iż-żmien l-għajn kienet aktar qrib lejn il-ġenb tal-baħar; niftakar li kienu ċaqalquha darbtejn u għalquha għax-xorb meta nfetħet it-triq ta' fuqha, Triq Rasul, u l-ilma ġie mniġġes mill-ħmieġ tal-fosos tad-drenaġġ li fetħu għad-djar ġodda.

Tħares 'l isfel minn fuq iċ-ċint, kont tara "d-dar", fqira fil-ġid imma għanja fl-imħabba, ta' Ċikku s-Sajjied, li miegħu konna, tista' tgħid, ta' ġewwa; ommu, Alla jaħfrilha, u jaħfer lil missieru u ħutu wkoll, għax ilkoll ħallew ix-xolfa u n-nases, biex issa qed igawdu l-hena tal-Ġenna. B'ġirja waħda ninżel it-taraġ u mmur nara "in-nannu u n-nanna l-Gerfux", u billi jien, meta konna nkunu "id-dar" kont niswa għal xi qadja, erħilha n-nanna tgerfex fil-kexxun u tnewwilli xi kagħka ħelwa. U hekk, qajl qajl, qrib il-ħdax ta' filgħodu wasalna "id-dar".

Mela malli naslu, in-nannu jħott dak li jkun iddobba sa wasalna, u jqiegħed kollox fl-art. Iżarma l-ħmar, iqiegħed ix-xedd u l-barda taħt il-loġġa tax-xellug fejn kellhom imkienhom, u l-ħmar fil-maqjel fejn jidher il-bieb iż-żgħir (ara d-disinn li għamilt kif niftakar ir-razzett ta' Wied Bufula). Ikun ġa sqieh mill-għajn ta' San Pawl, jimlielu l-

maxtura bl-għalf, xgħir, silla u l-kumplament, u jqegħedlu l-istanga biex ma joħroġx; wara mixja bħal dik, il-ħmar ma jkollux moħħ il-ħruġ! Idaħħal il-karrettun fl-għarix, (kif jidher ukoll fid-disinn), li kien imsaqqaf bil-qasab, biċ-ċnagen fuqhom biex ma jeħdux ir-riħ, jerfa' dak li jkun ħalla fl-art, frott, ħaxix u x'naf jien, u nitilgħu t-taraġ minn barra sa ma naslu fil-kamra tan-nannu, fejn kellu branda (sodda tal-kanvas) mgħottija b'perkan, iqiegħed kollox f'loku, u nitilgħu l-erba' tarġiet ta' quddiem il-kċina, bla bieb għas-setaħ u l-kamra ta' fuq (l-għorfa), fejn konna ngħaddu s-sajf aħna, u jara li ħadd ma jonqsu xejn. Kienet tissakkar b'muftieħ daqs ta' San Pietru!

Ir-rixtellu kien il-bieb li jagħti għall-wied, ta' l-injam, u jissakkar b'firroll, għax kien jista' jidħol min irid. Isakkar il-kamra tan-nannu, ir-remissa u l-għorfa, kollox minn barra. Mill-bitħa kont tidħol mir-rixtellu għall-wied, fejn kien hemm ħarġa qasab ħdejn maqgħad ilma biż-żringijiet, jinxef xi ftit fis-sajf, u f'wiċċ l-ilma kienu jikbru l-krexxuni jew insalata ta' l-ilma *water cress (Nasturtium officinale)* Ix-xatba hija l-bieba li tiftaħ għall-bitħa, u jkollha vent ta' l-azzar biex ma tiddendilx.

Mir-rixtellu kont issib ruħek fil-wied, tgħaddi minn taħt is-siġar tal-lewż ħelu, u taqsam dik in-nixxiegħa rqiqa ta' ilma safi, ibaqbaq u jdur mal-ġebel aħdar bil-ħażiż. Iserrep minn bejn irqajja' buda (*Typha domingensis*) u simar (*Juncus sp.*) ; dan kien jikber kotran fejn illum hemm is-siġar taż-żebbuġ fi dħul il-Pwales. L-ilma jibqa' jgelgel sakemm jaqa' f' ħofra mibnija apposta, minn fejn jibqa' nieżel il-baħar. Fuq il-lemin kien hemm tliet siġriet kbar tat-tut. Żewġ passi oħra titla' taraġ mal-ħajt tas-sejjieħ, u ssib ruħek f'ħabel raba' mimli siġar tal-ħawħ u frott irqiq. Missieri kellu mansab qribhom u' meta kien ikun riħ punent, kien jitla' jonsob hemm. In-nannu kien iwiddibna biex ma mmissux frott mis-siġar; konna niġbru l-imwaqqa', kien ikun aktar misjur u bnin, u xi ftit mikul miż-żunżan.

Jekk tibqa' tiela' tiġi taħt il-knisja tal-Madonna ta' l-Abbandunati, minsuba fuq ix-xifer tal-Wardija. Taħtha kienet tikber il-Warda Maltija (*Rosa gallica*); mhux darba, fil-Ħdud smajna l-quddies fil-knisja tal-baruni. Il-post kien miżmum minn familja ta' bdiewa, nies taz-zokkor. Waħda mix-xebbiet kienet mietet ħesrem bi splużjoni ta' *primus*; ma nafx kinetx nefħitha żżejjed. Niftakar li morna nagħtuhom l-għomor; kellha xi ħamsa u għoxrin sena.

Aħna u ġejjin lura konna nimlew bomblu jew tnejn ilma mill-għajn ta' San Pawl; l-ilma kien bħal dak li ħareġ Mosè, mill-blat. Jgħidu li l-ilma kien ħarġu San Pawl, u hekk nemmen jien ukoll.




Mappa ta' l-*Ordinance Survey* 1962, fejn jidher Wied Bufula

## THE CRICKET'S CAGE

**Amgelo Dougall**

This short article with an accompanying sketch and photograph, is intended to show a type of Maltese cricket cage (*gaġġa tal-werżieq*) for its folkloristic interest and research only. As environmentalists, lovers and admirers of this creature, we do not, in any way, encourage the capture and insensitive inprisonment of this insect which fills the hot summer nights with its song; it forms an intimate part of our life and environment.

**The Song** The cricket's song, in reality the male's mating call, is a shrill staccato chirp heard during the night. It has inspired many poets, including in Malteseliterature, to write about it. In Maltese it is known by several names, varying according to locality, but mostly called żerżur, *grillu* or *werżieq il-lejl.* It is associated with summer, and comes out of hibernation during the hot months, mainly from July to September, and is heard no more during the colder, wintry months. Some people, especially light sleepers and insomniacs, hate its shrill call during the night. It is generally observed that it chirps more sharply and strongly when the weather is humid or threatening to rain.

**Folklore** Considering that the cricket is so much a part of our life, there is not much lore about it. A fallacious but very strong belief among country folks is that its song ripens the grapes on the vine. There is a saying which goes: *Il-kant tal-grillu jsajjar l-għeneb* (the cricket's song ripens the grapes), or: *Meta l-ġewnaħ tal-grillu jagħleb, isir l-għeneb.* (when the cricket's wing vibrates, the grapes ripen). In Chinese folklore, the cricket is the symbol of song, happiness and a long life, and regarded as a good luck charm. They also keep crickets in cages, and it is surprising how such a tiny country like ours has this folkloristic aspect in common with such a mammoth nation as China!

**The Cage** Obviously, many people like the cricket's song, and have contrived to cage it. Frans Farrugia from Ħal Għaxaq, a lover of folklore and member of the Folklore Society Committee, made the cage shown in the photograph. The construction of the cage (see the annotated drawing) is based on the old method, of which he has one over fifty years old. It is made of wood and rigid 1mm gauge steel wire, with vertical rods set at some 5mm apart. When wire was not available in the past, bars were made of thinly split reeds (*żafżaf*) cut to size; obviously the cage was very fragile and more perishable.

# THE CRICKET'S CAGE

Cricket's cages made by Frans Farrugia of Għaxaq.





*Photos: (Top) Angelo Dougall, (Bottom) Guido Lanfranco*

## IMKEJJEN U DRAWWIET FIL-BIRGU

### TAL - BARKLORI

**Anton Attard**

Dawk li qabdu jew qabżu s-sittin, żgur jiftakru kemm kienet popolari x-xtajta tat- "Toqba l-Ġdida" fix-xhur sħan tas-sajf. Hawn kienu jgħaddu nofstanhari sħaħ, jilagħbu, jixxemmxu u jgħumu, il-biċċa l-kbira tat-tfal tal-Birgu, billi x-xtajta tat- "Toqba l-Qadima" kienet aktar riservata għall-barklori u d-dgħajjes tagħhom.

Waqt l-għawm, id-drawwa popolari ħafna fost it-tfal kienet dik magħrufa bħala "tal-barklori". Xi żewġt itfal kbar, minn fost dawk l-aktar imqarbin, (li minnhom ma konniex neqsin!), kienu jonsbu lil xi tifel aljenat jixxemmex u, waqt li wieħed jaqbdu minn idejh u l-ieħor minn saqajh, jerfgħuh mill-art, iħabbtuh tnejn jew tliet darbiet mal-kanun tal-ħadid li hemm imdaħħal fl-art u, wara tixjira jew tnejn lura u 'l quddiem, iwaddbuh il-baħar, fost l-għors u d-daħq ta' dawk it-tfal li jkunu nġabru madwarhom. Tfal li jkunu ġa nixfu fis-sħana tax-xemx kienu jibżgħu minn "tal-barklori" daqs il-bard ta' Jannar.

In-natural kurjuż tiegħi kien iġegħelni nistaqsi lili nnifsi: "Għaliex din id-drawwa li nnutajna biss fil-Birgu kienet tissejjaħ 'tal-barklori'?; x'rabta għandha mal-barklori?" It-tweġiba sibtha bla mistenni waqt li kont inqalleb il-ħarġa tal-11 ta' Mejju 1938 tal-ġurnal popolari "Il-Berqa". Kienet f'artiklu ta' wieħed li sejjaħ lilu nnifsu 'Folk Lore', intitolat 'Tal-Barklori'. Il-kittieb spjega li, lura fiż-żmien, bosta mill-irġiel tal-Birgu kienu jaqalgħu l-għajxien tagħhom billi jaħdmu ta' barklori. Bid-dgħajjes tagħhom kienu jwasslu 'l passiġġieri mix-Xatt ta' San Lawrenz lejn l-Isla, il-Belt, jew fuq xi bastiment tal-gwerra sorġut fil-Port il-Kbir.

Meta l-laneċ u l-karrozzi kienu għadhom 'il bogħod, kien xogħol ta' ħtieġa u jħalli qligħ tajjeb. Għalhekk bosta kienu jitħajru jaqbdu dan il-mestier. Iżda biex tagħmel dan, ridt issir vittma ta' ċerimonja umoristika, li ħolqu bejniethom il-barklori stess ta' din il-belt. Ritwal li, irid jew ma jridx, kull min kien jittama li jsir barklor kellu jgħaddi minnu. Xi żagħżugħ fl-eta tax-xogħol kien jinżel ix-xatt ta' San Lawrenz ifittex xi barklor bid-dgħajsa tiegħu, li jkun jinħtieġ xi sieħeb, billi d-dgħajsa, dak iż-żmien kienet trid titħaddem minn żewġ qaddiefa. Dakinhar, dan aktarx kien jilbes xi qmis bajda u qalziet tas-sarġ, bil-quddiem tiegħu jinqafel permezz ta' żewġ buttuniet fil-ġnub. F'rasu aktarx li kien jilbes

xi berritta skoċċiża, qisha platt, b'żewġ żigarelli herġin mill-warrani tagħha u jiddendlu għal wara l-għonq.

Malli jintlemah, xi żewġ barklori minn fost dawk li jkunu l-art jistennew il-vjaġġ, kienu jersqu lejh kollhom żegħil, u jsaqsuh jixtieqx ix-xogħol. Narturalment dan kien jaħtafhom fil-kelma u jkompli magħhom għax jaħseb li x-xogħol kien fil-but. Wara xi ħin jaljenawh bid-diskors, il-barklori jagħmlu sinjal lil xulxin, u f'għamża ta' għajn jaqbduh minn idejh u saqajh, u wara li jkaxkruh bil-warrani jħabbat mat-taraġ li kien iwassal għall-baħar, kif kien ikun għadu miżmum tajjeb f'idejhom, kienu jħabbtuh xi darba jew tnejn mal-pruwa ta' xi dgħajsa miġbuda l-art, u bosta drabi kien jispiċċa l-baħar bil-ħwejjeġ b'kollox, minkejja l-għajat ta' l-imsejken żagħżugħ, u fost id-daħq tal-barklori. Jekk ebda dgħajsa ma kienet tinzerta fuq ix-xatt, kienu jħabbtuh mal-ħajt tal-bini ta' l-Ammirall.

Wara li jbiddel ħwejġu, jew iħallihom jinxfu fix-xemx, bi tpattija għal din iċ-ċajta kemxejn goffa, kien jissejjaħ minn xi barklor biex ikompli miegħu skond il-ħtieġa li jkollu. B'hekk kien jieħu speċi ta' ċertifikat ta' barklor u jkun jista' jkompli f'dan il-mestier.

Għalkemm din id-drawwa kienet inqatgħet għal kollox minn fost il-barklori, sabet postha fost l-għawwiema tat-Toqba l-Ġdida. Iżda maż-żmien, wara t-tibdil strutturali li seħħ f'dik ix-xaqliba, dawn ukoll naqsu għal kollox, u qajl qajl għebet din id-drawwa folkloristika li tmur lura bosta snin.



Il-Kanun li miegħu kienu jħabbtu lit-tfal għawwiema fit-Toqba tal-Birgu

**IX - XELTER** **John C. Sarè**

Kitba bbażata fuq intervista ma' Anthony Schembri li kien inkarigat mix-xelters tad-distrett ta' Birkirkara fi żmien il-gwerra.

L-ewwel xelters ġew inprovvizati fid-djar. Dawn kienu xi mejda li fuqha l-missier kien ipoġġi mtieraħ, imħaded u xi affarijiet oħra, biex jekk jaqa' s-saqaf inaqqas mis-sabta tiegħu. Taħt din kienet tistkenn il-familja fl-ewwel żminijiet tal-gwerra.

Ix-xeltrijiet pubbliċi bdew jitħaffru fil-blat f'kull belt u raħal ma' Malta kollha. Ħafna drabi dawn ix-xeltrijiet kienu jgħaddu minn taħt il-bini tan-nies u jitfaċċaw fi triq oħra. Kien hemm xeltrijiet li kienu ħaffruhom minn tarf sa tarf ta' l-istess triq. Ix-xelter kien ikun kuritur 'il fuq minn 33 metru tul, 2 metri wiesa' u 2 metri għoli. Ix-xeltrijiet kienu jibdew minn 5 metri taħt wiċċ l-art. Kull wieħed kellu żewġ bokkaturi, li kienu mezz għaċ-ċirkolazzjoni ta' l-arja, mezz ta' salvataġġ jekk bokka minnhom tinqered, u mezz biex in-nies ta' triq waħda ma jdurux mal-blokk tal-bini biex jinżlu fix-xelter. Fejn ma kienx hemm bokkaturi, kienet titħaffer spiera għall-arja u din kien ikollha skalapiża magħha għall-ħruġ ta' emerġenza.

Ix-xeltrijiet kienu ta' żewġ tipi. Kien hemm dawk imħaffrin fi blat qawwi, u allura kienu jieħdu madwar 40 jum biex jitħaffru, u oħrajn li kienu fi blat artab li kienu jieħdu madwar 15-il jum biex jitlestew.

It-taraġ tax-xelter ma setax ikollu inqas minn żewġ indani; kien hemm li kellhom tlieta jew erbgħa, skond il-fond. Dawn l-indani kienu jservu biex itaffu mill-qawwa tal-blast fil-każ li bomba tisplodi qrib il-bokka tax-xelter. Id-dawrien tat-taraġ kien idgħajjef is-saħħa tal-blast. Qabel jibda x-xogħol fuq ix-xelter, il-perit u l-kuntrattur kienu jaraw minn fejn jgħaddu l-kanen ta' l-ilma, bjar, ġwiebi u drenaġġ, u jħejju pjanta tax-xogħol. Il-kuntrattur kien jistaqsi lin-nies li minn taħthom kellu jgħaddi x-xelter, dwar fejn kellhom il-bir jew ġiebja, u jekk jafux b'xi oħrajn madwarhom.

Id-direzzjoni u l-mixja tal-qtugħ tal-blat kienu jsiru bil-għajnuna tal-boxxla. Il-kuntrattur kien iħaffer biss kuritur twil, u l-kmamar li nsibu fix-xelters kienu jitħaffru mill-privat bi spejjeż tagħhom. Għal dawn il-kmamar kien hemm bżonn il-permess tal-gvern.

Fi żmien l-attakki mill-ajru, familji sħaħ kienu jgħaddu sigħat, ġranet, ġimgħat jew xhur ġewwa x-xeltrijiet. Familji li djarhom kienu mġarrfa mill-bombi kienu jibqgħu jgħixu taħt l-art sakemm il-gvern isibilhom post ieħor. Tipi ta' xelters oħrajn kienu jkunu mħaffrin minn familji. Żewġ familji jew tlieta kienu jiftiehmu li jħaffru xelter, li allura dan kien jgħaddi minn taħt id-djar tagħhom. Dawn il-familji kienu jkunu mill-istess triq,, imma ħafna drabi kien ikollhom il-btieħi jmissu ma' xulxin. Għalhekk xelter bħal dan kien jibda jitħaffer minn żewġ toroq differenti u jiltaqgħu fin-nofs. Xeltrijiet bħal dawn għadhom jeżistu fi djar privati, u llum tiskanta tarahom, meta fi żmien ta' gwerra kienu xelters ta' lussu kbir. Dawn kellhom dawl, ilma, u kmamar tas-sodda, ta' l-ikel u tal-ħażna; ma kien jonqoshom xejn.

Illum dawn ix-xeltrijiet huma mużewijiet tal-gwerra u jiffurmaw parti mill-wirt nazzjonali tagħna. . Fost dawk li huma miftuħin għall-pubbliku hemm dawk tal-Mużew ta' Wignacourt fir-Rabat, u oħrajn taħt il-ħarsien tal-Kunsilli Lokali tal-Mosta u tal-Birgu.

**Kitbiet għal "L-Imnara"**

Dawn iridu jkunu bażati fuq riċerka jew esperjenzi personali tal-kittieb, u jkollhom dejjem konnessjoni mal-folklor lokali. Kull kitba għandha tasal għand l-editur,

Guido Lanfranco, 78, Triq San Trofimu, Tas-Sliema, SLM 02

**Abbonament / Sħubija**

Din il-pubblikazzjoni ma tinsabx fil-ħwienet, għax jirċivuha b'xejn il-Membri Effettivi tal-Għaqda tagħna. Għalhekk min irid jabbona jrid jissieħeb fil-Għaqda Maltija tal-Folklor billi jħallas lira fis-sena (Lm 1); membri ġodda jħallsu żewġ liri (Lm 2) fl-ewwel sena biss, u jkomplu bil-lira fis-sena. Kull ħlas għandu jintbgħat BISS lit-Teżorier,

is-Sur J.F.Porsella Flores, 69, Triq il-Palma, Paola.

Sa qabel it-Tieni Gwerra Dinjija (1939-1945), f'kull belt u raħal ta' dawn il-gżejjer kienu jsiru l-ħġejjeġ ta' San Ġwann. Donnhom li ż-żagħżagħ, u magħhom ukoll il-kbar, kienu akkaniti għall-aħħar u bil-pika bejniethom biex, għal dik is-sena, jkollhom ħuġġieġa akbar mis-snin ta' qabel, u kienu jagħmlu l-almu tagħhom kollu sabiex tirnexxi. Kien kontra l-liġi li jinħażen injam u materjal għall-ħruq għal dan il-għan, madankollu l-ħażna tal-materjal għan-nar kienet issir minn taħt il-taħt xorta waħda, u minn kmieni. Saħansitra, ċormiet ta' żgħażagħ kienu jisirqu siġġijiet u banketti minn wara l-bibien tan-nies, li bilkemm kienu jidħlu ftit sa ġewwa u jafdaw is-siġġijiet barra l-bieb fuq il-bankina!

Billi dak iż-żmien kont għadni tifel żgħir, ma tantx kelli ċans immur nara l-ħġejjeġ ta' San Ġwann li kienu jsiru fl-ibliet u l-irħula l-oħrajn, imma l-ħuġġieġa li kienet issir fl-Isla kienet tkun biżżejjed għalija, u konna mmorru bi ħġarna sabiex narawha.

Daż-żmien il-ħġejjeġ kważi nqatgħu għal kollox, u wisq rari tara waħda lejlet San Ġwann! Donnu li ż-żagħżagħ spiċċalhom l-entużjażmu li kellhom, u mill-aħħar gwerra 'l hawn nibtet bruda lejn din it-tradizzjoni folkloristika u qadima. Fil-ktieb *Holiday Customs in Malta* (1894), l-awtur tiegħu Vincent Busuttil tana xi tagħrif dwar il-bidu tal-Ħġejjeġ ta' San Ġwann, it-tifsir antropoloġiku, l-oriġini pagana tagħhom, u għaliex isiru lejlet San Ġwann, qrib ħafna tas- *Solstice* tas-Sajf. Isiru ħġejjeġ f'bosta pajjiżi fl-Ewropa u din it-tradizzjoni ilha ssir sa minn qabel ma beda jinxtered il-Kristjaneżmu. Dawn il-ħġejjeġ bdew jassoċjawhom mat-Twelid ta' San Ġwann il-Battista u b'hekk ħadu tifsira reliġjuża.

**Ġbir ta' materjal għall-ħruq** Il-ħġejjeġ kienu jsiru bil-permess tal-pulizija tal-lokal, u jkun iffissat il-post fejn isiru, basta ma jagħmlux ħsara 'l-proprjeta ta' ħadd. Fl-Isla, bħall-ibliet l-oħra tal-Cottonera, kien hemm kontroll sħiħ tal-Pulizija fuq it-tqabbid tal-ħġejjeġ, minħabba Ordinanzi ta' Difiża u ta' l-Ammirall, u billi l-lokal hu qrib ħafna tat-tarznari. Il-ħuġġieġa l-kbira kienet issir Ix-Xatt ħdejn iż-żurżieqa l-kbira, faċċata ta' l-Ospizju Sant' Anna, u qrib Strada Sirena (Triq is-Sirena). Matul is-sena, iż-żagħżagħ u t-tfal kienu jiġbru u jġemmgħu għall-ħuġġieġa injam u materjal ieħor għall-ħruq. Kienu tassew akkaniti u jibdew jagħmlu dan minn kmieni fis-sena. Kienu jikklikkjaw bejniethom u

jżommu rwieħhom qishom xirka sigrieta, ħalli ħadd minnhom ma jikxef il-post fejn ikun moħbi u maħżun l-injam u l-materjal li jdabbru. Dan kienu jagħmluh minħabba l-Pulizija jew ukoll minħabba xi gaj ieħor rivali li jiġu nkiss inkiss jisirqulhom mill-maħżen. Il-maħżen kien ikun xi kantina mitluqa u mudlama. Kien ikun hemm pika kbira biex jiġbru u jġorru ħafna materjal biex il-ħuġġieġa tkun tassew kbira.

Xi drabi l-Pulizija kienet issir taf b'xi post fejn kien qed jinħażen u jinħeba dan il-materjal u kien isir rejd minnhom. F'dan il-materjal għall-ħruq kienu jsibu ħafna affarijiet misruqa, bħal siġġijiet, banketti u njam minn għand tal-forn. Kont tara nisa tad-dar imorru għand il-pulizija biex jieħdu lura xi siġġu li jkun insterqilhom minn wara l-bieb ta' barra, u tgħidx xi plejtu kienu jagħmlu wara l-bieb ta' l-Għassa tal-pulizija!

**Il-Ħuġġieġa, f'Lejlet San Ġwann** Ftit ħin qabel jidlam kont tara żgħażagħ, subien u kbar ukoll, biżlin inewlu u jwaddbu ħatab, injam u materjal ieħor biex jibnu u jarmaw il-ħuġġieġa. Fil-munzell kien ikun hemm ukoll xi biċċa għamara qadima u msewsa li kienet tkun ta' ngombru f'xi dar, u biex jeħilsu minnha. Fuqnett tal-munzell kienu jqiegħdu xi biċċa opra tal-baħar qadima, bħal dgħajsa, frejgatina, jew kajjikk għall-ħruq. Fuq kollox kien jitqiegħed trajbu, ġeneralment mimli bit-tiben u ċ-ċraret imlibbes xi beritta f'rasu u pipa f'ħalqu. Dan kienu jorbtuh ma' xi puntal biex iżomm dritt, jew ġie li kien ikun imdendel. Xi studjużi tal-folklor isostnu li t-trajbu huwa fdal simboliku ta' ritwal tal-qedem ta' sagrifiċċju uman lil l-allat. B'kollox, il-munzell ta' ħatab u njam kien ikun, bejn wieħed u ieħor, xi żewġ metri u nofs għoli.

Mat-tokki ta' l-"Ave Marija", malli jidlam, il-munzell jingħata n-nar f'bosta naħat sabiex jieħu minn kullimkien xorta. Il-fjammi jibdew telgħin sakemm jilħqu l-quċċata, u l-opra tal-baħar qadima, u t-trajbu jieħdu n-nar. Malli jibda jaqbad it-trajbu, in-nies miġburin madwar il-ħuġġieġa jibdew jgħajtu, jaqbżu u jċapċpu bil-ferħ. Tiskanta l-effett li tagħmel ħuġġieġa fuq in-nies! F'dik id-dalma tara l-fjammi jleħħu u jibbru fuq l-uċuħ ta' dawk in-nies, b'dik il-ħarsa ċassa tagħhom, iħarsu lejn il-ħuġġieġa b'meżmeriżmu jaħkem fuqhom jaraw in-nar jaqbad! Oħrajn jibqgħu beżlin inewlu biċċiet ta' l-injam, jitimgħu l-ħuġġieġa. Kultant jiġu jqandlu xi biċċa għamara qadima; tħoss il-fewġa taħraq tan-nar ma' wiċċek. Tara żgħażagħ iwarrbu l-ġamar b'xi biċċa njama twila, u taħt il-ġamar iqiegħdu xi patatiet ħalli jinxtwew u jikluhom; donnhom jinteghmu itjeb hekk!.

Tara oħrajn jgħannu u jqabblu, jiżfnu u jaqbżu f'xi naħa tal-ħuġġieġa, u b'kuraġġ u b'ġirja jgħaddu jiġru minn ġon-nar. Dan l-għors jibqa' sejjer sa tard nett tal-lejl, sakemm il-ħuġġieġa tibda tnin, u tintefa u tispiċċa għal kollox. Kienu jiġu jarawha ħafna nies minn kull rokna tal-belt. Filgħodu mas-sebħ konna mmorru x-Xatt naraw fejn kienet il-ħuġġieġa; kien jibqa' biss fl-art il-marka tan-nar. Il-fdal u l-irmied kien jitneħħa filgħodu kmieni mill-kenniesa tal-gvern.

**Aktar Ħġejjeġ** Ġo l-Isla kienu jqabbdu żewġ ħġejjeġ oħra iżgħar. Waħda fuq is-Sur Tal-Vitorja, fejn kienet issir għassa aktar stretta mill-pulizija minħabba li s-sur jagħti għal fuq it-Tarzna; kultant kien jitfaċċa wkoll xi Gwardjan tat-Tarzna, u l-oħra kienet issir fil-wesgħa ta' quddiem il-Ġnien tal-Portu Salv (Il-Ġnien tal-Gardjola). Din kienet issir mit-tfal u ż-żgħażagħ tat-Triq tal-Ponta. Kienu jsiru ħġejjeġ oħra fil-Cottonera, imma jien ma kienx ikolli wisq ċans li narahom; ommi ma kinetx tħallina nersqu lejn ħġejjeġ bħalma kienu jagħmlu tfal oħra. Kultant xi tfal jippruvaw iqabbdu xi ħuġġieġa żgħira f'salib it-toroq, imma l-pulizija malajr kienu jiġu biex jitfuha, kif kienu jagħmlu wkoll xi nisa tad-dar b'xi friskatur ilma, minħabba li l-foga u l-ġmied jimlewlhom djarhom.

Niftakar ħġejjeġ oħra fil-Cottonera. Fil-Birgu kienu jsiru tnejn, waħda fuq is-Sur Tal-Bullara, qrib It-Toqba, u oħra fuq is-Sur tal-Kurdari. Iż-żewġ ħġejjeġ kienu jkunu kbar, għax kien hemm nies akkaniti li jieħdu ħsiebhom, barra li kienu ppikati bejniethom ta' min tkun l-akbar. Fil-Kalkara kienet issir ħuġġieġa kbira ħafna. Qabel it-Tieni Gwerra Dinjija kien hemm daqsxejn ta' ramla li kienet tkun mimlija alka, fejn illum hemm Misraħ l-Arċisqof Gonzi, quddiem il-knisja parrokkjali. Din il-ħuġġieġa kienet issir fuq ir-ramla ċkejkna qrib il-baħar, u fiha dejjem kienu jqiegħdu xi biċċa opra tal-baħar għall-ħruq. F'Bormla kienu jagħmlu ħuġġieġa kbira fuq Il-Bastjun ħdejn il-*barracks* ta' Verdala u Strada Sant' Elena, u oħra kbira fi Pjazza Santa Margerita (ix-Xgħira ta' Bormla).

Ħuġġieġa oħra li kienet timpressjonani fi tfuliti, kienet dik li kienet issir f'Wied il-Għajn (Marsaskala) u din kienet tkun tabilħaqq kbira, għax tassew li fl-ibliet ma kienx hemm wisq postijiet fejn isiru ħġejjeġ kbar , ħlief fuq is-swar. Qabel it-Tieni Gwerra Dinjija, kien hemm ramla ċkejkna quddiem it-triq li minn Ħaż-Żabbar tiżbokka fix-Xatt ta' Wied il-Għajn, li llum saret pjazza wiesgħa qrib il-knisja parrokkjali. Din ir-ramla kienet tkun mimlija alka u xi ftit maħmuġa, dejjem b'xi luzzijiet u kajjikki għat-tvarar. Il-

ħuġġieġa kienet issir fuq din ir-ramla żgħira, u fiha kienu jinġarru biċċiet ta' njam u raċanċ tal-ħatab li kien itella' l-baħar, u xi biċċa għamara qadima u msewsa ma kinetx tonqos li tispiċċa fil-ħuġġieġa. Hafna drabi kien jitqiegħed fiha xi kajjikk qadim u mkisser, u t-trajbu ma kien jonqos qatt. Niftakar li darba minnhom twaddbu ġol-ħuġġieġa numru kbir ta' pellikoli tal-films li malajr ħadu n-nar; dak iż-żmien kienu magħmulin minn tertuqa li kienet tieħu n-nar malajr. Billi d-dar kellna daqsxejn ta' *projector* tal-logħob jien u ħija konna dabbarna minn hemm żewġ *reels* żgħar ta' pellikoli, qabel l-oħrajn saru vampa. Din il-ħuġġieġa ta' Wied il-Għajn ma kinetx iddum wisq, għax kulħadd kien irid imur jorqod, billi dik il-ħabta kien post żgħir u kwiet ta' villeġġatura.

**Jum San Ġwann** L-għada, jum San Ġwann, kienet tkun Festa Kmandata bl-obbligu tal-quddies, u ħafna nies, wara l-quddiesa, kienu jibqgħu jitkellmu fuq il-ħuġġieġa. Kienet tkun tradizzjoni folkloristika li biha konna nkunu nafu li s-Sajf beda. Aħna t-tfal konna noqogħdu nirrakkontaw u nitkellmu fuqha, u għalina kienet tkun waħda mill-avventuri ta' tfulitna. Fi żmien il-gwerra l-ħġejjeġ twaqqfu b'Ordinanza tal-Emerġenza. Wara l-gwerra l-ħġejjeġ bdew jinqatgħu bil-mod il-mod, u b'hekk kważi spiċċat għal kollox tradizzjoni qadima. Forsi wkoll kienet l-indifferenza lejn din id-drawwa li minħabba fiha ma bqajniex naraw il-Ħuġġieġa ta' San Ġwann.

Jekk daż-żmien issir xi Ħuġġieġa, issir b'ħafna permessi u restrizzjonijiet, u taħt għajnejn id-Dipartiment tat-Tifi Tan-Nar, f'xi festin jew *party* ta' xi għaqda filantropika, iżda wisq rari ssir bi spirtu folkloristiku tradizzjonali.

Il-bedbut huwa strument mużikali li sa ftit snin ilu kulħadd kien jaf x'inhu. It-tfal kont tarahom jiġru mat-toroq jew ma' l-għelieqi jedhew idoqqu xi bedbut li jkun għamlilhom missierhom jew li jkunu għamlu huma stess. Biex tagħmel din is-suffara ċkejkna m'għandekx bżonn xi għerf kbir, iżda llum ftit issib nies li għadhom jafu x'inhu il-bedbut, u wisq inqas li jafu jagħmlulek l-istrument.

**Il-materjal li minnu jsir il-bedbut:** Il-bdiebet jistgħu jsiru minn diversi materjali. L-iżjed antiki aktarx huma dawk magħmula minn ħxejjex komuni. Jekk inħarsu lejn inċiżjoni (Fig.1) li dehret fl-1723 fil-*Gabinetto Armonico* ta' Filippo Bonanni,[1] naraw tfal jonfħu ġo sfafar magħmulin minn zkuk tal-qasab (bit-Taljan *zampogne*).Ftit snin biss wara li dehret fl-Italja din l-inċiżjoni, insibu li l-Għawdxi Kanonku Agius de Soldanis iddiskriva l-bedbut tal-gżejjer tagħna hekk:

> *Betbut - cifoletto, in Roma Zampogna. Formato dalla canna del grano da due parti aperto con un taglio per aria da un canto indifussato viene da ragazzi.* (sic.- Diz. 72 v)[2]

Il-kelma *cifoletto* ġejja minn *ciufolo*, iżjed magħruf bħala *zufolo*, li, bħal ħafna ismijiet ta' strumenti oħra, għandu sinifikati differenti. Hawnhekk *cifoletto* tfisser sempliċiment suffara żgħira. De Soldanis jgħidilna li kienu jagħmlu bedbut minn *canna del grano*, jiġifieri minn zokk tal-qamħ.

M. A. Vassalli fil-*Lexicon* tal-1796, [3] jiddiskrivi *batbut* bħala *instrumentum musicale rusticum et simplex, quod fit ex calamo avanae, arundiins, etc.* Hawn jgħidilna li l-bedbut kien magħmul mill-ħafur u mill-qasab, fost ħxejjex oħra.

Fil-*Vocabolario* (anonimu) li ħareġ fl-1853 [4] l-awtur jiddeskrivi l-istrument bħala *samponietta di avena, reed pipe.* Jerġa' jsemmilna li dan l-istrument żgħir kien magħmul mill-ħafur. Hawn Malta għandna żewġ tipi ta' ħafur, wieħed żgħir u l-ieħor kbir. Il-ħafur iż-żgħir huwa rqiq u fraġli wisq, iżda, jekk ikun imdaqqas , ikollu zokk b'saħħtu biżżejjed biex tagħmel minnu l-istrument ċkejken.

Nafu li strument ieħor tat-tfal kien isir mill-bont tal-basal [5] li f'Awissu jkun niexef sew u jsir iebes u sod. Missirijietna kienu jagħmlu xaqq bil-mus fin-nofs tal-bont u

jagħmluh tip ta' ġugarell għat-tfal. Dawn kienu jżarżru fih kemm jifilħu u jarmuh meta jixbgħu minnu. Dan l-istrument ukoll, ħafna nies isejħulu bedbut (Fig.2).

Jekk inħarsu ftit iżjed fid-dettall lejn dak li nkiteb u dak li jingħad fuq il-bedbut, nibdew nindunaw minnufih, li l-kelma bedbut kienet u għadha tfisser diversi tipi ta' sfafar magħmulin mill-ħxejjex. Insibu li biċċa huma miftuħin minn żewġ naħat, u oħrajn minn naħa waħda biss. U biċċa għandhom xaqq f'żaqqhom u oħrajn għandhom ilsien. Dawn, minkejja li huma ta' għamla differenti, kollha jissejħu bl-istess isem ta' bedbut, u m'għandniex nistagħġbu jekk insibu li hemm isem wieħed għal strumenti differenti u ġie li wkoll ħafna ismijiet għall-istess strument, għax f'pajjiżi oħra wkoll ta' spiss jiġri hekk fi strumenti popolari.

Skond De Soldanis, zokk tal-qamħ miftuħ minn żewġ naħat li jaqtgħulu qasma, jissejjaħ bedbut. Aħna nafu li dan l-istrument u l-bont tal-basal, li huma t-tnejn miftuħin minn żewġ naħat, huma totalment differenti minn dawk l-istrumenti li huma miftuħin minn naħa waħda biss. Zokk li jkun miftuħ minn naħa u magħluq minn naħa oħra, u li f'tulu jinqata' lsien li jperper u jivvibra meta tonfoħ, huwa bedbut li bl-Ingliż jissejjaħ *single reed* jew *single beating reed.* Dan l-istrument ċkejken kapaċi jipproduċi nota ċara u mhux iżarżar biss kif jagħmlu wħud mill-istrumenti tat-tfal magħmulin mill-ħxejjex.

Jekk inħarsu lejn iz-zokk tal-qamħ li semma De Soldanis, insibu li għandu għadd ta' għoqod fih, u allura minnu huwa possibbli li jinqatgħu mhux biss strumenti b'żewġ naħat miftuħin, iżda wkoll strumenti fejn naħa tkun magħluqa u oħra miftuħa (Fig. 3). L-istess insibu fil-ħafur li jissemma minn Vassalli, iżda dan ikollu għoqda waħda biss in-naħa t'isfel (Fig. 4). Kull fejn hemm għoqda jew għaksa, jista' jinqata' t-tip ta' bedbut b'naħa magħluqa u l-oħra miftuħa. Din l-għamla ta' bedbut hija l-aktar interessanti għalina għax insibu li għandha importanza kbira fi strumenti mużikali aktar komplessi.

**Kif isir il-bedbut tal-qasab:** Bla dubju, il-qasab (*Arundo donax*), huwa l-iżjed materjal b'saħħtu li minnu jistgħu jsiru l-bdiebet (*single reed*). Il-qasab ma jridx ikun oħxon wisq, għax iżjed ma jkun oħxon inqas jippermetti vibrazzjonijiet. L-aħjar bdiebet isiru minn qasab ta' minn seba' sa għaxar millimetri dijametru li jkollhom il-qoxra tal-qasba rqiqa u t-toqba (*bore*) wiesgħa. Il-bedbut jista' jinqata' u jsir dak il-ħin stess minn qasba friska, speċjalment meta jsir biex jintuża mit-tfal li jgawduh għal ftit u jarmuh. Iżda

jekk il-bedbut se jsir għal xi skop ieħor, bħal ngħidu aħna parti minn strument ieħor, il-qasab għandu jinqata' u jitnixxef sewwa qabel jinbeda x-xogħol fuqu. Huwa aħjar jekk dan il-qasab ma jitnixxifx fix-xemx għax jinħataf, [6] u ma jkunx tajjeb ħafna għall-bdiebet.

Nibdew billi naqtgħu l-qasba kemm kemm 'il fuq mill-għoqda, u xi seba' ċentimetri iżjed 'l isfel mill-għoqda. B'hekk ikollna biċċa qasba twila xi 7.5 ċentimetri magħluqa bl-għoqda minn naħa waħda u miftuħa mill-oħra (ara Fig. 5a u 6a).

Ġo din il-qasba jinqata' lsien jew, kif ngħidu, "bieba". Hemm żewġ modi kif tista' tinqata' din il-bieba; jew tibda min-naħa ta' l-għoqda u taqta' 'l isfel biex nagħmlu dik li teknikament tissejjaħ *down-cut reed* (Fig. 5), jew tibda min-naħa l-oħra u taqta' lejn l-għoqda biex nagħmlu dik li tissejjaħ *up-cut reed* (Fig. 6). Mill-istħarriġ li għamilt jien jidher li, f'Malta, l-aktar magħrufa aktarx kienet dik maqtugħa 'l isfel, għalkemm kien hawn ukoll xi waħdiet minn dik maqtugħa 'l fuq. Naraw ftit kif isiru dawn il-bdiebet.

**(a) Bedbut maqtugħ l-isfel:** Dan isir billi, b'xafra li taqta' sewwa, nagħmlu qasma mimduda fil-wesgħa tal-qasba ftit 'l isfel mill-għaksa jew għoqda (ara Fig. 5b). Din trid tkun fonda l-ħxuna kollha tal-qasba u twila xi nofs ċentimetru. Imbagħad, minn kull tarf tal-qasma mimduda, innizżlu xaqq miexi 'l isfel u fond sa ġewwa biex noħolqu l-bieba (Fig. 5c). B'hekk, il-bedbut, bil-bieba maqtugħa 'l isfel, teknikament ikun lest. Dan jindaqq billi ddaħħal f'ħalqek l-istrument min-naħa ta' l-għoqda sat-tarf tal-bieba u tonfoħ fih. Li jiġri hu li, meta tonfoħ, il-bieba tibda timmolla u tirtogħod bil-vibrazzjonijiet u tipproduċi nota ċara. Iżda spiss jirriżulta li, tonfoħ kemm tonfoħ, issib li l-bedbut ma jdoqqx. F'dan il-każ il-bieba jkollha bżonn jew li titraqqaq ftit bil-mus biex tkun iżjed flessibbli, jew tinġibed kemxejn 'il barra b'ħafna attenzjoni biex ma tinqasamx. Bi ftit logħob, fl-aħħar il-bedbut għandu jiġi jdoqq.

**(b) Bedbut maqtugħ il fuq:** Biex naqtgħu bedbut li se jkun *up-cut,* (Fig. 6) il-qasma nagħmluha xi 3.5 ċentimetri iżjed 'l isfel mill-għoqda (Fig. 6b) u minflok ma naqtgħu 'l isfel bil-mus, nitilgħu lejn l-għoqda biex il-bieba tiġi tħares in-naħa l-oħra (Fig. 6c). Din xorta trid tiddaħħal kollha fil-ħalq sa ftit iżjed mill-qasma tal-bieba. Meta tonfoħ, il-bieba tibda tperper bil-vibrazzjonijiet u ddoqq. Naturalment jekk ikun hemm l-inqas varjazzjoni fil-wesgħa tal-qasba, fit-tul tagħha jew fil-ħxuna, il-ħoss jinbidel. It-tfal jifirħu mhux ftit meta jiskopru li kull bedbut jista' jagħmel ħoss differenti, u jekk

taghmlilhom xi tliet bdiebet jew erbgħa, kollha ta' daqsijiet differenti, jindunaw li l-akbar bedbut se jkollu nota aktar baxxa, waqt li l-iżgħar u l-idjaq wieħed se jagħti l-ogħla nota. **Il-bedbut bħala parti minn strumenti oħra:** Il-bedbut tal-qasab hemm skopijiet oħra għalih, barra dak li jferraħ lit-tfal. Infatti nistgħu ngħidu li l-bedbut huwa l-bażi ta' għadd ta' strumenti mużikali aktar komplessi. Billi bedbut waħdu jdoqq nota waħda biss, missirijietna kienu jaraw kif jagħmlu biex iżidu n-numru ta' ħsejjes. Dan kienu jagħmluh billi jdeffsu bedbut ġewwa biċċa qasba ftit usa' u itwal li tissejjaħ "qima", li fiha kienu jżidu xi ħames toqbiet jew imriefes (*fingerholes*). Imbagħad erħilhom idoqqu xi melodiji sempliċi li issa, sfortunatament, ftit niftakru minnhom. Meta l-bedbut jiddeffes ġewwa qasba oħra bl-imriefes, b'dan il-mod, joħloq tip ta' klarinett li huwa magħruf matul il-medda kollha ta' l-Afrika ta' Fuq u tul ix-xtut tal-Mediterran. Fil-pajjiżi ta' l-Afrika ta' Fuq huwa magħruf bħala żummara. Hawn Malta u fi Sqallija wkoll, insibu li l-isem żummara jintuża mhux biss għal dan l-istrument, iżda wkoll għal xi tipi oħra ta' sfafar magħmulin mill-ħxejjex.

Flok qima waħda ġieli niltaqgħu ma' tnejn marbutin flimkien, bħalma nsibu fiż-żaqq Maltija. F'dan il-każ għandna qima waħda b'ħames rifsiet u oħra b'waħda. Kull qima jkollha bedbut tal-qasab imdeffes ġo fiha li jkun magħmul bil-mod li semmejna (l-iżjed komuni dak maqtugħ 'l isfel; Fig. 5). Qabel ma jintużaw, dawn il-bdiebet iridu jkunu mnixxfin sewwa. Għaż-żaqq, iż-żewġ bdiebet iridu jinstemgħu qishom bedbut wieħed, jiġifieri jdoqqu l-istess nota. Biex jirnexxilek tagħmel dan, trid ħafna logħob u paċenzja kbira. Hawn Malta l-użanza hi li ddeffes xagħra bejn il-perpura tal-bieba , biex tibqa' dik il-ħarira miftuħa u b'hekk tkun iżjed flessibbli. Imbagħad torbot il-ħajt madwar il-bedbut fit-tarf t' isfel tal-bieba. Jekk in-nota għandha bżonn togħla, trid tressaq il-ħajt ftit iżjed 'il fuq. Iżda jekk in-nota għandha bżonn titbaxxa, trid torbot il-ħajt kemxejn iżjed 'l isfel. Ġieli kienet ukoll titqiegħed xi qatra xema' f'tarf il-bieba biex tvarja t-ton ħarira 'l isfel. U hekk tkompli tilgħab u tipprova sakemm iż-żewġ bdiebet ikunu ntunati sewwa ma' xulxin. Id-daqqaqa taż-żaqq kienu jġorru magħhom partita bdiebet biex ikunu jistgħu jagħżlu u jbiddlu kif meħtieġ. Ġieli wkoll kienu jaqtgħu qalbhom għax isibu li "l-bdiebet ma jridux ikunu jafu".

**Il-bedbut fil-kultura tagħna:** Fil-qedem, kull ħaġa li kienet tipproduċi ħoss kienet tiġi meqjusa bħala ħaġa maġika għax kellha "vuċi" li l-bniedem ta' dak iż-żmien ma setax jispjega. [8] Iżda x'sehem kellu l-bedbut fil-ħajja tal-Maltin ta' l-imgħoddi?

Hawn ta' min isemmi poeżija li jismha *MILIZIA inchella jdakka ta Zeppi bil BEDBUT FIL WACKT LI SEJER Santiermu.* [9] Din il-poeżija miktuba f'71 kwatrina b'taqbil ta' l-għana Malti (abcb), kienet ħarġet fl-1852 bi skop politiku. Dak iż-żmien, Dr. (wara Sir) Adrian Dingli kien ippropona li l-Maltin jidħlu għall-milizia bilfors. Il-poeżija topponi din l-idea b'mod ċar li jifhem kulħadd. Hija forma ta' oġġezzjoni f'isem il-popolin. Nikkwota (bl-ortografija oriġinali) xi ftit strofi minnha:

7. Dock ja bedbut dock / Dock iddakka tatambur,
   Igri ilbes l'uniformi / Biex santiermu t'fittesc tmur.
8. Dock ja bedbut dock / Biex nisctrilek habba tin
   Lesti ruħek ghal santiermu / Fittex naddaf l'azzarin
18. Dock ja bedbut dock / BANNI BANNUZZI ITTATA GEI
    Int iddock u jien inghanni / U fsantiermu immorru ittnei.
34. Dock ja bedbut dock / Biex nisctrilek habba tin
    Af jech tonckos fil Milizia / Thallas hamsa u ghoscrin scelin.

Barra l-ħafna interess storiku u politiku, din il-poeżija għandha interess speċjali għalina għax insibu li l-bedbut tant huwa kunsidrat xi ħaġa Maltija li d-daqqa tiegħu hija hawnhekk identifikata mal-vuċi ta' protesta tal-poplu Malti. Punt ieħor interessanti huwa li nsibu l-kliem *Doqq, ja bedbut doqq, biex nixtrilek ħabba tin* ripetuti kemm-il darba fil-poeżija. Kif nafu, il-bdiebet fihom ħafna logħob biex jiġu jdoqqu tajjeb u jħobbu jittantaw. Għalhekk, qabel jonfħu fil-biċċa qasba, il-Maltin kellhom id-drawwa li jwiegħdu 'l bedbut xi ħaġa tajba biex jibda jdoqq malajr. Li ġiethom f'rasħom kienet il-ħabba tin taċ-ċappa:

*Doqq, doqq, bedbut doqq / ħa nixtrilek ħabba tin/ minn għand Peppu s-Seraċin.* [10]

Interessanti li Giuseppe Pitre kien sab ħsieb simili fi Sqallija fejn kienu jogħrku l-bedbut (*zampogna, zampognella, sampugnedda, zammara, zammariedda etc.*) bejn idejhom, u biex ifittex jibda jdoqq, jgħidulu:

*Sona sona, zammariedda / chi ti fazzu la cammiciedda* [11]

U f'Napli jgħidu:

*Sona sona, zampognella / ca t'accatto la gonnella,*

*La gonnella de scarlato: / Si non suone, te rompo la capo.*

F'dawn il-formuli li nafu li jintużaw f'Malta, fi Sqallija u f'Napli, naraw li l-bedbut tista' tgħid li jitqies mhux bħala ħaġa mejta iżda bħala ħaġa ħajja, saħansitra bħala wieħed li għandu bżonn jilbes u jiekol bħall-bniedem. Min jaf kemm hu antik dan il-ħsieb?

Minn dan kollu li semmejt jidher li l-bedbut huwa minsuġ sewwa fil-kultura tal-Maltin. Dan l-istrument ċkejken, speċjalment dak magħmul mill-qasab, mhux ħaġa ta' Malta biss iżda huwa wkoll parti integrali mill-kultura tal-pajjiżi ta' madwarna fil-Mediterran. Il-kultura tiegħu insibuha kull fejn jinsab jikber naturali l-qasab. Nafu wkoll illi dan il-bedbut tal-qasab ma tbiddel xejn minkejja ż-żmien li għadda minn fuqu.[12] Kemm ilu fost il-Maltin ma naħsibx li qatt se nkunu nafu, iżda nistgħu ngħidu li huwa strument primittiv ħafna, li hu magħġun fil-kultura tagħna, u li jkun għajb jekk wara dawn is-snin kollha fostna inħalluh jintnesa u jintilef.

**Noti u Referenzi.**

1. Filippo Bonanni *Gabinetto Armonico* (Rome, 1723) Frank Harrison & Joan Rimmer *The Showcase of Musical Instruments* with 152 illustrations from Bonanni's *Gabinetto Armonico, 1723* (New York, Dover Publications, 1964)
2. Agius de Soldanis *Dizionario Maltese Italiano Latino* Bibljoteka Nazzjonali Ms 143
3. M. A. Vassalli *Ktyb yl klym Malti mfysser byl-Latin u byt-Talyn . . . Lexicon Melitense-Latino-Italum* (Romae 1796) Bibljoteka Nazzjonali Bq b4
4. *Vocabolario Maltese, Italiano, Inglese guidato da un Alfabeto Maltese perfetta imitazione dell Italiano* Quarta edizione (Malta 1853) Bibljoteka Nazzjonali Bd4 - 10.
5. Missieri jiftakar li meta kien għadu tifel, xi 65 sena ilu, zijuh minn Ħal Qormi kien jagħmillu dak li kien jissejjaħ *bedbut* mill-bont tal-basal.
6. Skond id-daqqaq taż-żaqq Toni Cachia, imlaqqam *Il-Hammarun*, illum raġel ta' 83 sena, jekk il-qasab jitnixxef fix-xemx, il-bdiebet "jogħlbu u jmutu".

7. Dan it-tip ta' bedbut tgħallimt nagħmlu minn għand *Il-Hammarun*, li mdorri jagħmilhom għaż-żaqq b'dan il-mod (*down-cut reed)*. Meta kien tifel huwa tgħallem din is-sengħa minn għand daqqaq agħma min-Naxxar, imlaqqam Ġużeppi *L-Għarrun*.

8. Anthony Baines *Woodwind instruments & their History* (London, Faber and Faber, 1967), 171.

9. Nixtieq nirringrazzja lil Dr. Albert Ganado talli wrieni din il-poeżija anonima: *MILIZIA inchella jdakka ta Zeppu bil-BEDBUT fil wackt li sejer Santiermu* (1852).

10. Capt. E. D. Busuttil, *Ġabra ta' Qwiel Maltin*. . .(Malta, Lux Press, 1971) 60; Peppu s-Seracin aktarx kien minn H'Attard għax in-nies ta' dan ir-raħal kienu mlaqqmin "Is-Seracini".

11. Giuseppe Pitre *Giuochi fanciulleschi siciliani* (Palermo 1883, ristampa anastatica, Bologna, Forni Ed.1969)

12. Anthony Baines *op. Cit.* 189-190.




Fig. 1 Incizjoni fil-*Gabinetto Armonico* ta' Filippo Bonanni, 1723.

Fig. 2  Bont tal-basal





Fig. 3  Bdiebet maghmulin miz-zokk tal-**qamh**



Fig.4   Bedbut tal-**hafur**

Wieħed jinnota b' interess li qabel bdiet is-sistema li jingħataw ismijiet lit-toroq tagħna l-inħawi kellhom il-laqam ta' kif kienu magħrufa. Dan wieħed jista' jarah billi fl-imgħoddi, il-kappillani, darba fis-sena, kienu jagħmlu ċensiment ta' l-erwieħ taħt il-kura tagħhom, u jduru l-parruċċani bieb bieb. It-tagħrif miġbur, jissejjaħ *Status Animarum* (l-istat ta' l-erwieħ). F'Bormla, sas-seklu sbatax, ma kienx għad hemm ismijiet tat-toroq, iżda kienu bil-laqam; hawn se nsemmu ftit tagħrif dwarhom.

Kien hemm inħawi Tal-Knisja u nħawi msejħin la Platea, fix-Xatt. It-triq ewlenija kienet dik Tal-Ġiebja. Bla dubju, l-inħawi ta' Santa Tereża u ta' Santa Margerita kienu ġa magħrufa. Ismijiet li għadhom jeżistu huma dwar il-Wied ta' Santa Liena, dik ta' Bongiorno u dik ta' Srejdek.

Il-Mandraġġ kien jinfirex qrib il-bieb ta' l-Isla, kif ukoll lejn l-inħawi ta' San Pawl. Kien hemm inħawi lejn It-Torri, kif ukoll lejn L-Imtieħen. Naħa oħra kienet magħrufa għall-Ġnien (Il-Giardino). Xi toroq kienu magħrufin għal xi familji, bħal dik Ta' Gafa, jew Ta' Cordina. Toroq jew inħawi oħra kienu dawk Ta' Karletti, Ta' Natale u Spezjale. Kien hemm inħawi bi kwartier magħruf Ta' Kanali, u post ieħor imsejjaħ Ta' Gantnella.

Ta' min jgħid li fil-bidu tas-seklu tmintax, bħal fl-1712, il-popolazzjoni kienet 3876 waqt li n-numru ta' djar ġa kien kiber għal madwar 1,000.

Iżda fis-seklu tmintax il-popolazzjoni f'Bormla tant żdiedet, li l-Gran Mastru ordna li ma jidħlux aktar nies jabitaw hemm. Dan kien jiġri għaliex ħafna kienu jinżlu joqogħdu fl-inħawi qrib Il-Port fejn kienu jistgħu jaqalgħu x'jieklu bix-xogħol.

## IT-TAGĦLIM TAD-DUTTRINA FIL-GŻEJJER MALTIN; FTIT TA' L-ISTORJA

**Guido Lanfranco**

Ma' l-iżvilupp, progress u evoluzzjoni kontinwa ta' l-istorja, jinbidlu l-aspetti kollha li fihom timxi l-ħajja tagħna. It-tagħlim tad-duttrina ġralu l-istess, għadda minn żmien għal ieħor, jinbidel skond iċ-ċirkostanzi kollha. Qabel ma ġie l-Ordni ta' San Ġwann f'Malta, kien hawn abbandun sħiħ fl-oqsma kollha, minħabba l-faqar ġenerali, attakki kontinwi mill-furbani, is-sistema fewdali li kellna, l-isqfijiet ta' Malta li qatt ma rifsu Malta, u l-ftit reliġjużi li kellna kellhom bosta diffikultajiet fil-qadi ta' dmirhom.

**Seklu sittax** In-nies tat-tajjeb ġeneralment kienu joqogħdu fl-Imdina u kienu jedukaw lil uliedhom individwalment, bil-għajnuna ta' xi reliġjuż jew bniedem ieħor, lokalment jew barra. Mal-wasla ta' l-Ordni, f'Malta nħass aktar sens ta' protezzjoni, għalhekk qam il-kuraġġ biex jiżdiedu l-knejjes, il-bini, u r-reliġjużi, u biż-żmien beda jkollna isqfijiet li joqogħdu magħna. Bejn l-1545 u l-1563 kien sar il-Konċilju ta' Trento li fost affarijiet oħrajn ħareġ digriet li, kull nhar ta' Ħadd filgħodu, l-kappillani kellhom jispjegaw il-vanġelu, u filgħaxija jgħallmu d-duttrina. Iżda xorta waħda kien hawn ħafna injoranza, għax l-edukazzjoni tal-poplu kienet għadha ma nibtitx, u għalhekk ukoll fost il-qassisin kien għad hemm nuqqas ta' tagħlim. Meta f'Malta kien hawn id-delegat appostoliku Duzina fl-1575, li kien ġie biex jagħti spinta lill-Knisja lokali, tista' tgħid li l-biċċa l-kbira tal-qassisin ma kinux jgħallmu d-duttrina kif nafuha llum, imma aktarx il-kredu, il-kmandamenti u xi talbiet bħall-Ave Marija[1], u l-attijiet tal-fidi, tama, mħabba u ndiema. Dawn kienu jsiru kollha bl-amment mingħajr spjegazzjonijiet. Jiena stess meta kont żgħir immur l-iskola f'nofs is-snin tletin, bħalma nistħajjel jiftakru bosta anzjani oħra, tas-seklu għoxrin, id-duttrina kienu jgħallmuhielna bl-amment, kif ukoll it-talb komuni, l-attijiet u l-kredu. Mhux biss, imma nista' ngħid li konna nkantawhom, kulħadd flimkien b'melodija monotona, u mistoqsijiet u spjegazzjonijiet xejn. Skejjel oħrajn mhux biss kienu jkantawhom, iżda min kien jgħallimhom kien iġiegħel lit-tfal jitbandlu kollha flimkien mal-melodija ħeddiela. Meta kbirna bdejna nużaw xi ftit il-kotba li ma kienu xejn attraenti, iżda xorta waħda konna nitgħallmu kollox bl-amment.

**Seklu sbatax** Fis-seklu sbatax it-tfal kienu jirċievu xi istruzzjoni tal-katekiżmu,

iżda milli jidher aktar ma kien isir xejn.[2] Fil-knisja tal-Ġiżwiti fil-Belt Valletta kien hemm Istituto Della Dottrina, u l-Papa Gregorju (1621-1623) kien ħareġ indulġenzi għal dawk li jattendu għall-katekiżmu f'din il-knisja.[3] Komplew jiżdiedu l-għaqdiet ta' kull xorta u l-fratellanzi lajċi. Dawn ta' l-aħħar tista' tgħid li kienu l-ewwel li offrew għamla ta' għajnuna soċjali lill-poplu. Mhux mill-ewwel kienu eretti bħala fratellanzi, iżda għall-bidu kien hemm gruppi ta' nies bħala sodalita jew kongregazzjoni u meta żviluppaw fix-xogħol tagħhom ġie li kienu jinbidlu fi fratellanzi biex ikollhom aktar indulġenzi, privileġġi u skopijiet. Fost dawn insibu dawk li twaqqfu bil-fehma li jġibu 'l quddiem it-tagħlim tad-duttrina, għax il-kappillan waħdu ma kienx jista jieħu ħsieb kollox. Fis-seklu tmintax, l-aħħar wieħed ta' l-Ordni, komplew il-movimenti biex jieħdu ħsieb it-tagħlim tad-duttrina.

**Seklu tmintax** L-ewwel Sodalita tad-Duttrina Nisranija li twaqqfet fil-Belt Valletta f'dan is-seklu kienet fil-parroċċa ta' San Pawl, b'digriet ta' l-4 ta' Frar 1724, u t-tieni waħda f'Ħal Lija wara talba mill-kleru tad-29 ta' Novembru 1727. Il-kappillan kien ikollu d-dmir li jgħallem xi katekiżmu lill-kbar kull nhar ta' Ħadd waqt il-quddiesa, u liż-żgħar f'xi ħin ieħor; hawn is-Sodalita bdiet tgħinu fix-xogħol tiegħu.[4] Fl-1728, fil-parroċċa ta' Ħaż-Żabbar twaqqfet is-Sodalita tal-Madonna tad-Duttrina u tqiegħed inkwadru tagħha fuq l-artal tal-Kurċifiss, fejn kien hemm il-Fratellanza ta' l-Agonizzanti, iżda fl-1875 twaqqfet il-Fratellanza tal-Madonna tas-Sacro Cuor, fuq l-istess artal li ħadetilha postha u nbidel l-inkwadru.[5] Għalkemm fl-Isla kien hemm xi qassisin jgħallmu d-duttrina, dawn kienu jagħmlu hekk minn rajhom u mhux bħala parti mill-pjan parrokkjali. Għalhekk mill-1762 dawn il-ftit qassisin organizzaw ix-xogħol aktar bis-serjeta. Kienu jgħallmu l-katekiżmu lit-tfal qabel l-għasar fil-Ħdud u l-festi matul is-sena, mqassmin fi klassijiet. Matul ir-Randan li l-Maltin ta' dari kienu josservaw sewwa bl-opri tajba, eżerċizzi, sawm, penitenza u talb, kienu jgħallmuhom il-katekiżmu kuljum fil-knisja ta' San Ġiljan fejn hemm lapida li turi li fl-1770 hemmekk ġiet iffurmata il-Veneranda Opera della Dottrina. Fl-1774 din ħadet sura ta' Fratellanza tad-Duttrina Nisranija taħt it-titolu ta' San Vinċenz de Paule u hemm sar artal ta' din il-fratellanza dedikat lilu. Fl-1788, il-kanonċi ta' l-Isla u l-isqof riedu jqajmuha ftit aktar u t-tagħlim beda jsir għall-kbar ukoll.[6]

**Seklu dsatax** Il-jiem tal-karnival, fi żmienna, għalkem inqas mill-imgħoddi, għadhom jitqiesu bħala okkażjonijiet ta' dnub, għalhekk dawk l-għaqdiet li ssoltu jiġbru t-tfal għad-duttrina, jiġbruhom ukoll f'dawn il-jiem u jorganizzawlhom attivitajiet biex mhux biss iżommuhom bogħod mill-okkażjoni tad-dnub, imma wkoll biex ipattu għan-nuqqasijiet li jsiru minn ħaddieħor. L-istess ħaġa kien isir fis-seklu tmintax. Fl-Isla, bħala eżempju, kienu jagħmlulhom proċessjoni li fiha kienu jipparteċipaw il-fratelli, it-tfal, il-kappillan, u kull min kellu x'jaqsam magħhom fit-tagħlim tad-duttrina. Kienu jżuru diversi knejjes tul din il-proċessjoni, li għalhekk bdiet tissejjaħ il-proċessjoni ta' l-istazzjonijiet.[7]

F'Ħal Lija, fil-jiem tal-karnival, is-Sodalita kienet tagħmel Espożizzjoni kuljum, quddiesa kantata, u filgħaxija għasar, kant, priedka u benedizzjoni.[8] Dan kien isir fil-parroċċi kollha, u magħruf bħala Karnival Qaddis. Fil-karnival tal-1823 kulħadd kien baqa' mbikkem bit-traġedja li fiha kienu mietu 110 tfal mgħaffġin u fgati minħabba r-rassa u l-paniku li nqala' meta reġgħu lura għas-sagristija ta' Ta' Ġieżu fil-Belt Valletta, wara li kienu ħaduhom dawra l-Furjana biex iżommuhom bogħod mill-bluhat tal-karnival.

F'Birkirkara, il-Pia Opera della Dottrina Cristiana, fl-1820 saret fratellanza, imma ġa kienet teżisti ftit taż-żmien qabel. Il-prepostu kien id-direttur, u fost l-uffiċjali tagħha kien hemm żewġ *pescatori* biex ifittxu t-tfal u jibagħtuhom għad-duttrina.[9] Milli jidher din, biż-żmien, spiċċat jew bidlet il-forma tagħha għax fl-1857 twaqqfet il-Kongregazzjoni għat-Tagħlim tad-Duttrina fil-knisja Tal-Ħerba.[10] Fil-kappelli u oratorji bdew jitwaqqfu diversi istituzzjonijiet għat-tagħlim tad-duttrina, organizzati tajjeb, jagħmlu dik li aħna bqajna ngħidulha il-"gara" u jqassmu premjijiet lil min jattendi u jmur tajjeb; kienu jattendu mijiet ta' tfal. Fl-1833 fil-Furjana twaqqfet il-Congregazione della Dottrina Cristiana, u għad hemm l-inkwadru tal-Madonna tad-Duttrina.[11] Fil-Belt Valletta l-ewwel ma twaqqaf f'dan is-seklu kien l-Istituto Maltese d'Educazione Cattolica fl-1839, fil-kappella tal-Kunċizzjoni tal-Ġiżwiti li mbagħad ħaduh f'San Ġakbu. Fl-1847-1848 twaqqaf istitut ieħor taħt l-isem tal-Bon Pastur fil-knisja ta' Santa Barbara, imma fl-1853 ħaduh f'Tal Pilar, u aktar tard fl-1858 f'Tal-Vitorja, li suppost aktar kienet magħrufa bħala ta' Sant' Anton Abbati.[12] Dawn kienu jistampaw kotba biex jgħallmu fuqhom id-duttrina u talb ta' kull xorta. Fil-31 ta' Mejju ta' l-1874, f'Ħal Tarxien, twaqqfet il-Fratellanza

ISTITUTO DI

EDUCAZIONE CATTOLICA

SOTTO IL TITOLO

Della

B. VERGINE DELLE GRAZIE

ERETTO

IN S. ROCCO DELLA VALLETTA.

Abela Maria

*il dì* 6 Maggio 1916 *è stata*

*con risultato* Ottimo *approvata*

*nella Dottrina Cristiana per il*

Sacramento *della* Confirmazione.

Sac Giovanni Bologna

Agente DIRETTORE.

PRINT. C. MAISTRE & SON.

---

**MEMORIA**

DELL'ISTITUTO MALTESE
DI EDUCAZIONE CATTOLICA

Abela Guglielmo

*è approvato per la Santa Comunione con esito*

soddisfaciente

*Valletta, S. Giacomo*

*il dì* 30 Marzo 1931

Sac. R. Ceravolo

*Direttore*

---

**Memoria**

**dell'Istituto Maltese**

**di Educazione Cattolica,**

Abela Carmelo

*è stato approvato per la* S. CONFERMAZIONE *con esito* ottimo

Valletta, S. Giacomo,

il dì 21 Marzo 1909.

Canonico C. Schembri

*Direttore.*

---

TAHRIG TA TIEBA

PRATTICAT FL'ORATORIU MALTI
TA EDUCAZIONI NISRANIA,
TAHT IT-TITULU TAL

BUON PASTUR

LI JINSAB FIL CHNISIA
TA
SANT' ANTON ABBATI TAL BELT
JEU
TAL VITTORIA

BIL PERMESS TAL'ECCMU. U REVMU. MONS.
FRA GAETANU PACE FORNO
ARCISKOF TA RODI U ISKOF TA MALTA.

MALTA
STAMPAT GHAND G. MUSCAT
48, Strada Mercanti.
1894.

tad-Duttrina, li għadha torganizza l-festa bin-nar u l-armar u l-proċessjoni bil-vara. Mhux se nsemmu l-bqija mifruxin fil-Belt u postijiet oħrajn għax ikollna niktbu volum.

Imma ta' min ifakkar, li t-tagħlim tad-duttrina ma kienx biss skop fih innifsu, imma beda jservi biex jipprepara t-tfal għall-ewwel tqarbina jew il-preċett, u wkoll għall-griżma ta' l-isqof. Iċ-ċerimonja ta' l-ewwel tqarbina tal-preċett kienet rutina, li fl-imgħoddi kienet tibda filgħodu u tkompli wara nofsinhar, u fiha, tard fis-seklu dsatax imma aktar mill-bidu tas-seklu għoxrin, bdew jingħataw santi ta' tifkira u ċertifikati stampati lill-parteċipanti. Il-griżma ta' l-isqof ma kinetx daqshekk faċli. Għalkemm żmien din iċ-ċerimonja jkun qrib il-Pentekoste, fi żmien l-Ordni, bħala eżempju, l-isqof ma kellux żmien fiss meta jmur fil-parroċċi. Fl-irħula mwarrbin kien imur biss f'okkażjoni ta' viżta pastorali kull ftit snin, għalhekk kien jagħmel il-griżma lil kulħadd f'daqqa Fejn kien ikun ilu ma jmur kienu jinġemgħu ta' ħafna etajiet; ġie li kien hemm min ikun kbir fl-eta, u wkoll laħaq iżżewweġ, [13] Għawdex kien aktar diffiċli li l-isqof jagħmel viżta pastorali hemmekk għax il-vjaġġ kien twil u strapazzuż. Ġie li għaddew għaxar snin jew sitta u għoxrin sena bejn viżta pastorali u oħra. Meta fl-1856 għadda minn Malta isqof missjunarju Taljan, Giuseppe Bravi, malajr ġie mistieden jagħmel il-griżma ta' l-isqof lill-Għawdxin, u sab ma' wiċċu 1,286 ruħ jistennew minn lejlet u kompla l-għada.[14]

**F'Għawdex** F'Għawdex kien hemm l-istess problemi, u bosta mit-tfal kienu mxerrdin u jaħdmu fl-għelieqi, u ma kienx hemm min hu wisq ħerqan li jgħallem id-duttrina, għalhekk l-isqfijiet ta' spiss kienu jsostnu mal-qassisin biex jagħmlu aktar sforzi.[14] Wara l-1813, l-isqfijiet insistew mal-kjeriċi li kienu se jsiru qassisin biex jgħallmu d-duttrina wkoll, inkella ma jordnawx saċerdoti. Kellhom jgħallmu tliet darbiet qabel inżul ix-xemx. Fl-1855 saret il-Kongregazzjoni tad-Duttrina fir-Rabat t'Għawdex fil-knisja ta' San Ġakbu, taħt il-protezzjoni ta' San Alwiġi. Kienu jgħallmu l-Ħdud kollha, filgħodu u filgħaxija u fl-aħħar tal-kors kien isir irtir u festa tal-qaddis. Fejn ma setax isir tagħlim organizzat tad-duttrina, bħal f'San Lawrenz, l-isqfijiet ordnaw li jgħallmuhom l-attijiet u xi talb qabel il-quddies tal-Ħdud. Ordnaw ukoll li f'postijiet oħra, bħan-Nadur u r-Rabat, isiru bħal disputi jew djalogi bejn il-qassisin biex jgħallmu l-katekiżmu fil-knisja.[16] Fis-seklu ta' wara, fin-Nadur, fl-1913, saret il-Kongregazzjoni tad-Duttrina Nisranija.[17] u fl-1922 l-

arċipriet kien jgħallem liċ-ċkejknin siegħa qabel l-Ave Marija, u dawk aktar kbar siegħa wara.[18]

**Seklu Għoxrin** Fl-ewwel snin tas-seklu għoxrin, f'Malta daħlu il-*Freres* ta' De La Salle u s-Sależjani, minbarra wkoll is-sorijiet, li l-għan priċipali tagħhom kien li jedukaw u jgħallmu d-duttrina. Fl-iskejjel tal-gvern bdew id-diretturi spiritwali fl-1924 biex jissorveljaw dan it-tagħlim. Imma l-akbar organizzazzjoni għat-tagħlim tad-duttrina kienet u għadha dik li twaqqfet minn Dun Ġorġ Preca fl-1907, taħt l-inizjali ta' M. U. S. E. U. M. (*Magister Utinam Sequatur Evangelium Universus Mundus*), li minn dak iż-żmien infirxet ma' kullimkien fil-gżejjer Maltin kollha, u wkoll twaqqfet fl-Awstralja, Sudan, Albanija u mkejjen oħra. Fl-1966 sar kungress ta' ġimagħtejn mill-Kummissjoni Katekistika ta' Christus Rex tal-kleru djoċesan; wara dan, l-isqof elevaha għal Kummissjoni Katekistika Nazzjonali b'seħħ mill-1 ta' Jannar 1967, biex tieħu ħsieb u tara li t-tagħlim tad-duttrina jkun skond ix-xewqa tal-Knisja.[19]

F'Birkirkara għadha ssir il-festa bil-proċessjoni tal-Madonna tad-Duttrina. Ma jsirx tiżjin u logħob tan-nar bħalma jsir f'Ħal Tarxien imma l-proċessjoni tieħu, bejn wieħed u ieħor din l-ordni, skond kif rajtha jien fit-18 ta' Mejju 1986: Boys Brigade, bandalora bil-pittura tal-Madonna bil-Bambin u żewġt itfal, żewġ abbatini tfal libsin l-istess bħat-tpinġija tal-bandalora, jiġifieri blu u aħmar, bl-ispellizza bajda, erba' subien libsin tal-preċett bil-fjuri f'idejhom, tlitt itfal libsin ta' fratelli tas-Sagrament bil-muzzetta ħamra u standard żgħir, żewġt irġiel libsin muzzetta vjola bl-istandard vjola bħala fratelli tal-Madonna ta' l-Erwieħ, standard vjola tad-Duluri, tlitt irġiel bl-istandard tal-fratellanza tas-Sagrament u surġentina, il-vara tal-Madonna tad-Duttina bil-figuri ta' żewgt itfal libsin bħal tal-pittura tal- bandalora tal-bidu, it-*tintinnaculum* bil-qanpiena, abbatini bl-iswed u spellizza bajda jżommu l-inċens, abbatini bis-salib tal-kleru, il-mazzier tal-Kapitlu, għaxar kanonċi libsin għall-okkażjoni, iżommu t-torċi, erba' abbatini bit-torċi u fl-aħħar erba' abbatini oħra.

Il-festa tal-Madonna tad-Duttrina f'Ħal Tarxien għadha tiġi organizzata mill-Fratellanza bħala festa sekondarja regolari, bl-armar, logħob tan-nar u proċessjoni bil-vara. Biex nuru l-andament ta' din il-proċessjoni, hawn ftit noti biex nuri kif rajtha jien fis-16 ta' Lulju 1995: Fratell bl-istandard ċelesti bis-simbolu tal-ktieb tad-duttrina, tliet fratelli bil-

fanali u l-Kurċifiss tal-fratellanza (bil-kunfratija bajda mingħajr muzzetta), tmien fratelli (kbar u ħgħar), bit-torċa mixgħula u bil-medaljun bħal ta' qabilhom, il-vara li turi lill-Madonna bi tlitt itfal quddiemha, akkolti u salib tal-kleru bi tmien abbatini warajhom kollha libsin iswed bl-ispellizza bajda, u fl-aħħar erbgħa oħra bil-fanali madwar iċ-ċelebrant li jġorr ir-relikwarju.

**Referenzi**


1. Vella, Luret *Storja ta' Ħaż-Żebbuġ* Malta 1986 p.153
2. Bonnici, Alexander *In-Nadur* Vol.I 1984 .p.95
3. Galea, Michael *Il-Knisja tal-Ġiżwiti fil-Belt Valletta* serje f'*Il-Ħajja* 1983 p.83
4. Borg, Vincent (Ed.) *Il-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Lija* 1982 p.38
5. Zarb, Giuseppe *Żjara lill-Parroċċa ta' Ħaż-Żabbar* 1972 p.10
6. Bonnici Alexander *L-Isla* Vol.II 1986 p. 300-304, 359
7. Bonnici, Aexander *L-Isla* Vol II 1986 p. 204
8. Borg, Vincent *op. cit.* p.39
9. Zammit, Winston L. *Birkirkara fis-Seklu XIX* 1995 p.56-58
10. Ferres, Achille *Descrizione Storica delle Chiese di Malta e Gozo* 1866 p. 322; Vella Apap, Nicholas *L-Istorja tas-Santwarju tal-Madonna tal-Herba*2000 p.48
11. Gatt, Joseph R. *Il-Pittur Enrico Casolani u l-Kwadru tal-Madonna tad-Duttrina fil-Furjana* f'*Il-Furjana* April-Ġunju 2000 p.6-7
12. Bonnici, Arthur *History of The Church in Malta* Vol. III 1975 p.55
13. Micallef, Joseph *Ħal Luqa, Niesha u Ġrajjietha* 1975 p.84, 89
14. Bezzina, Joseph *Sannat fi Ġrajjet Għawdex* 1989 p.388
15. Bonnici, Alexander *In-Nadur* Vol.I 1984 p255
16. Bezzina, Joseph *Religion and Politics in a Crown Colony* 1985 p. 104-105
17. Bonnici, Alexander *In-Nadur* Vol. II 1988 p.207
18. Bonnici, Alexander *In-Nadur* Vol. II 1988 p. 242, 354-355
19. Bonnici, Arthur *op. cit.* p. 56-57

# L-IŻVILUPP TAL-VARI TAL-PASSJONI FIL-GŻEJJER MALTIN QABEL IS-SENA 1960

**Joseph C. Camilleri** B.A.(Gen.),Dip.Ed.(Adm.& Man.)

Ħafna minna jsaqsu għaliex, qabel is-snin sittin, kull ċentru fejn kienu jsiru l-purċissjonijiet tal-Passjoni kellhom tmien vari? Biex wieħed iwieġeb din il-mistoqsija jrid imur lura għall-oriġini ta' dawn il-purċissjonijiet. Ħafna studjużi ta' l-istorja u l-folklor jaqblu li aktarx li dawn il-purċissjonijiet bdew fit-tieni nofs tas-seklu sittax fir-Rabat ta' Malta.[1]

Aktarx li dawn kienu joħorġu tard fil-jum tal-Ġimgħa l-Kbira biex jagħtu qima lil Kristu Mejjet. Għall-ewwel kienu joħorġu b'Salib u numru sabiħ ta' nies. Maż-żmien beda dieħel fl-użanza, il-Monument (mill-Latin *monumentum* li tfisser qabar).[2] Din id-drawwa kienet waslet mill-gżira ta' Sqallija fejn filgħaxija fit-tard kienu jsiru purċissjonijiet tas-Salib l-Iswed, fejn kienu joħorġu bil-Monument u bil-vara tad-Duluri.

Bħala tifkira, fir-Rabat (Malta), il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira kienet toħroġ fit-tmienja ta' filgħaxija, u tidħol madwar nofs il-lejl.[3] Biex tgħaddi l-purċissjoni kienu jqabbdu l-kandelabri u t-torċi. Il-ħatab taż-żebbuġ kien ikun merfugħ f'diversi knejjes li minn quddiemhom kienet tkun se tgħaddi l-purċissjoni. Bħala tifkira ta' dawn il-purċissjonijiet, fir-Rabat ta' Malta, il-Monument kien ikun akkumpanjat mill-abbatini tal-Katidral ta' l-Imdina, li kien ikollhom friegħi żgħar taċ-ċipress fuq spallejhom, u kienu jkantaw is-salm *Miserere*, flimkien mal-qassisin tal-katidral.[4]

**Il-Vari:** Waqt li fir-Rabat kienu jsiru dawn il-purċissjonijiet fil-jum tal-Ġimgħa l-Kbira, fil-Belt Valletta bdew deħlin il-purċissjonijiet li kienu jsiru fil-ġimgħat tar-Randan. Dawn kienu magħrufin b'diversi ismijiet, bħal stazzjonijiet (mill-kelma bil-Latin *statio* li tfisser bilwieqfa), u *I venerdi di Marzo*. Kien il-Papa Girgor XIII li fl-4 ta' Awissu ta' l-1573 ħareġ il-Bolla *Pastoris aeterni* li biha ta indulġenzi speċjali lill-fratelli tas-Sagrament li jagħmlu dawn l-istazzjonijiet.[5]

F'dawn il-purċissjonijiet kienu jieħdu sehem il-fratelli wara standard iswed u l-patrijiet Dumnikani li kienu jkunu wara s-Salib tal-Kleru. Warajhom kienu jimxu żewġ daqqaqa tal-vjolini u xi erba' kantanti libsin is-suttana u l-ispellizza. Dawn kienu jkantaw

il-*Miserere* u kien ikollhom vara tal-Madonna. Din il-vara aktarx kienet id-Duluri. Maż-żmien, dawn il-purċissjonijiet bdew isiru mill-fratelli tal-Kurċifiss, tal-Belt Valletta. Bdew joħorġu purċissjoni kull ġimgħa b'vara waħda tal-Passjoni. Wara l-Monument u d-Duluri bdew deħlin il-misterji tat-Tbatija tar-Rużarju, għalhekk daħħlu l-ewwel misterju ta' l-Ort, it-tieni misterju tal-Marbut, it-tielet ta' l-Ecce Homo, l-Imgħobbi u l-Veronika għar-raba' misterju u l-Vara l-Kbira l-ħames. Tant kemm fil-Belt kienu saru stabbiliti l-knejjes stazzjonali li minnhom bdiet issir il-purċissjoni tal-gimgħat tar-Randan. Dan sar fl-1778. Il-vara ta' l-Ort kienet tidħol fil-knisja tal-Madalena, il-Marbut jidħol fil-knisja ta' Sant' Ursola, l-Ecce Homo f' ta' Santa Katarina, l-Imgħobbi u l-Veronika fil-knisja tal-Griegi u tal-Ġiżwiti, u l-Vara l-Kbira fil-knisja ta' Santu Rokku. Id-Duluri kienu jdaħħluha fil-knisja ta' San Ġakbu. [6]

Maż-żmien, dawn il-vari tant daħlu fil-qalb tal-Maltin u l-Għawdxin, li saru magħrufin b'ħafna ismijiet. Il-vara ta' Kristu fl-Ort hija magħrufa bħala L-Ort, Taż-Żebbuġ u Kristu fl-Orazzjoni. Il-Marbut magħruf ukoll bħala tal-Kolonna waqt li l-Ecce Homo bħal tal-Porpra. L-Imgħobbi huwa r-Redentur, La Bajulazione u Portante La Croce.[7] Il-Vara l-Kbira kienu jgħidulha wkoll La Vara, Le Marie u La Crocifissjone.[8] Il-Veronika l-unika li m'għandheix isem ieħor. Id-Duluri jgħidulha wkoll l-Addolorata, l-aktar f'Għawdex.

**Żviluppi:** B'hekk is-sett tradizzjonali Malti ifforma ruħu bi tmien vari tal-Passjoni. Maż-żmien dawn il-vari raw tibdil. Għall-ewwel l-Ort kellu figura waħda, dik ta' Kristu, iżda wara deher l-anġlu u aktar tard ukoll żewġ anġli. L-aktar bidla li tispikka kienet dik li għamel Karlu Darmanin għall-purċissjoni ta' Bormla[9] fis-sena 1878 fejn naraw żewġ anġli fil-vara ta' l-Ort, wieħed bis-Salib u l-ieħor bil-Kalċi. Forsi din l-idea mhix ta' Karlu Darmanin, għax fiż-Żejtun, fil-kampnar hemm vara ta' Kristu f'estasi mixħut fl-art ma' żewġ anġli. Liema ġiet l-ewwel ma nafux. L-Ort ta' Ħal Qormi wkoll għandu żewġ anġli; dan aktarx sar minn Vincenzo Cremona li kien student ta' Karlu Darmanin.[10]

Il-Marbut narawh dejjem ma' kolonna li tkun ma' ġenbu jew warajh, għalkemm il-Belt Valletta kellha vara komplessa li kienet turi lil Kristu bil-porpra u warajh kien hemm kolonna. Din kienet isservi ta' żewġ vari, dik tal-Marbut u dik ta' l-Ecce Homo.[11] Il-figura ta' l-Ecce Homo narawha jew bilwieqfa jew bilqiegħda. L-Imgħobbi dejjem narawh

figura waħda bis-Salib. Il-Veronika kienet tkun b'figura waħda, iżda Karlu Darmanin għamel waħda b'tifla ħdejha għall-purċissjoni tal-Mosta; din saret fl-1895.[12]

Il-Vara l-Kbira hija dejjem b'erba' figuri, waqt li l-Monument hu eċċezzjoni tas-sett għaliex juri lil Kristu f'urna dekorata bl-anġli. Id-Duluri kienet tkun jew figura waħda, l-aktar f'Għawdex, jew bl-anġlu, bħal dik magħrufa bħala Ta' Settembru, jew b'San Ġwann. Hemm każ uniku, dik ta' Ħaż-Żebbuġ, fejn naraw lid-Duluri bi tliet figuri, il-Madonna, anġlu u San Ġwann.[13] Kien fis-sena 1907 meta Ħal Qormi daħħal vara ġdida. Dik ta' Ġuda jew tat-Tradiment ta' Ġuda.[14] Hekk kienet is-sitwazzjoni f'Malta qabel is-snin sittin. Kull ċentru kellu sett ta' tmien vari, iżda Ħal Qormi kien l-uniku każ fejn kien hemm disgħa.

Ta' min jgħid li l-vari tal-Passjoni raw tibdil fil-meterjal li minnu kienu magħmulin. Għall-ewwel dawn bdew bħala manikini iżda maż-żmien daħlet il-kartapesta. Eżempju ta' sett vari manikini huwa dak tal-Birgu. Bħalu, illum hemm tlieta oħra f'Għawdex. Kien hemm żmien meta bdew jużaw partijiet ta' l-injam għall-vari tal-kartapesta. Eżempju ta' dan hija d-Duluri ta' Ħal Qormi. Din il-vara għandha l-wiċċ u l-idejn xogħol ta' stukko tas-seklu tmintax, waqt li l-kumplament tal-figura huwa tal-kartapesta, għax il-partijiet tal-vara ta' qabel li kienet manikin użawhom għall-vara tal-kartapesta.[15]

**Referenzi.**

1. Joseph F. Grima *The Iconography of the Maltese Good Friday Processional Statues, Their Development between 1960 and* 1984, Stanley Fiorini (Ed.) Proceedings of History Week 1984, The Historical Society Malta 1986 p.141

2. Ġorġ Aquilina *Il-Ġimgħa l-Kbira tal-Belt* TAU Malta 1986 p.26

3. Anthony Casha, *'Il-Purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira f'Malta u Għawdex* Stamperija Indipendenza 1992 p.15

4. *op. cit.* P.15

5, Ġ. Aquilina *op. cit.* P.26

6. *op. cit.* p.29

7. *op. cit* p.35

8. *op. cit.* p..37

9. Charles Galea Scannura f' *Il-Processjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira f'Malta u Għawdex,* Stamperija Indipendenza, Pieta, Malta p.69

10. Joseph F. Grima *op. cit.* p.143

11. Ġ. Aquilina *op. cit* p.35

12. Joseph F. Grima *op. cit.* p.143

13. Joseph Mizzi *Il-Ġimgħa l-Kbira f' Ħaż-Żebbuġ* Sebio Photo Studio Żebbuġ, Malta 1992 (mhux paġnat)

14. Joseph F. Grima f' *Il-Purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira f'Malta u Għawdex,* Stamperija Indipendenza, Pieta, Malta 1992 p.116

15. Joseph F. Grima *The Iconography . . .* (ara ref.1.) p.142

*Fl-erba' paġni li ġejjin daħħalna kopja tal-fuljett li tqassam waqt il-wirja ta' mudelli "Il-Gallerija Maltija" li saret Fil-Foyer, National Labour Centre, Hamrun, mill-24 ta' Marzu sa l-24 ta' April, 2000. Fih hemm l-artikolu ta' Angelo Dougall, "The Maltese Balcony, A Historical Approach".*

Gallerija "Il-Foyer"
National Labour Centre,
Ħamrun

24th March – 24th April, 2000

# Il-Gallerija Maltija

An exhibition of a collection of small scale models of existing Maltese Balconies made by Mr. John Cutajar of Gżira



# The Maltese Balcony

## *A Historical Approach*

When we refer to a balcony, our mind immediately pictures the enclosed wooden structures on the facade of our homes and palaces. We tend to take this wooden structure, the "gallarija" very much for granted and tend to look at it in a very indifferent way, as it is so common in Malta. But this structure is not at all ignored by foreign visitors and tourists. It is very much taken notice of, as being looked upon as a very typical and a peculiar feature of these islands' architecture. This is truly an indigenous architectural feature in our buildings.

Our urban and also many of the buildings in the rural area, look very European in the architectural aspect, form and design. However the wooden balconies on the facade of our homes and palaces, tend to give to our architecture, a near eastern, an oriental or even a North African aspect. The wooden balcony could be indeed very oriental in character and perhaps in influence.

After all one finds similar types of structures in Turkey, Tunisia, Egypt, Yemen, India, etc. Such structures are also found in Peru. The balcony is called "balcone" in Italian, "gallarija" in the Maltese language. The word "gallarija" is derived from "gallaria" (Sicilian) or "galleria" (Italian) - "balcone elegante che sporge dalla poppa dei vascelli", a highly ornamented balcony on the poop of timber carracks and galleons. A good example of a "galleria" could be seen today in the Council Hall of the Grand Master's Palace in Valletta, a section of the "galleria" of the great 16th century carrack of the Order of St. John, the "Sant'Anna". The balcony was salvaged, restored and brought to its present place when that ship was broken up.





The Maltese "gallarija", the wooden enclosed structures on the facades of our houses were and to a certain extent are still very popular and much liked by Maltese womenfolk. The "gallarija" is an ingenious compromise and a way of life in our domestic life. It offers (in design) a challenge to any architect in balancing and placing it on to the facade of the building. It seems however that very little has been written about these structures from an architectural and historic point of view, considering that, as we know it today in its functional purpose, is not all that old.

I have carried out research on the "gallerija" and was particularly interested to find how long balconies have been used in buildings. So far the oldest depiction of the "gallarija" I have come across is painted in the fresco in the bedroom of Publius Fannius Sinistor's villa in Boscoreale, outside Pompeii, Italy. Fortunately, these frescoes were preserved from destruction by the very volcanic fallout that covered Pompeii in the great eruption of the Vessuvio in 79 AD. Sinistor's bedroom frescoes depict in detail at least two covered balconies, a detail of which is being published in this brochure.

Probably there were other such balconies in Rome and in the rest of the Roman Empire, including Melita. There could have been other balconies in Pompeii. One of the streets of Pompeii is named "the street of the balcony". Balconies were, as shown in the frescoes structures projecting or cantilevered on corbels (saljaturi). Such structures were utilised for extending the existing floorspace on to the street area on the floors above the ground level. In the Boscoreale frescoes it could be observed that balconies were of both the open and enclosed types. They were mainly constructed for the embellishment of the architecture and for their occupants' enjoyment of the panoramic views. The enclosed balconies in the Boscoreale frescoes are very similar to the Maltese "gallariji". So this architectural feature of ours is not after all "Eastern" or "North African" as has often been intimated by many travellers and writers. It is a European feature, it is also a Mediterranean building tradition.

In classical times, balconies rested (structure-wise) on projecting cantilevered beams which also served as corbels. We cannot ignore the possibility that in these islands we had some two storey buildings which could have had these types of balconies.

In Medieval times balconies did not seem to have been constructed, mainly for reasons of security due to frequent sorties by marauding pirates. In rural areas, farmhouses were built inward looking around a central courtyard with just one entrance and no windows on the external walls on the ground floor. The outer walls of farmhouses and of houses in the villages were simply defence walls.

The "Muxrafija" - is a wooden or stone structure which covers the opening of the window in the first floor above the entrance of town and village houses or outlying farmhouses all over Malta and Gozo. The structure projected about 25 cms on the facade of houses. The wooden variety generally had a louvered shutter hinged at the top end; sometimes it had plain shutters and spy holes. The "muxrafija" also had spy holes on the sides and on the bottom ledge overlooking the main door. This type of window was quite a common feature in towns, villages and on farmhouses up to the 1930s. One can still find a few existing examples around. I do not believe that the "muxrafija" had been of any influence on the design and construction of the balcony, as has been expounded from time to time.

With the coming of the Knights of St. John and its powerful fleet of galleys, there was more security on the Maltese Islands. Baroque architecture later became fashionable and open balconies started to make an appearance on buildings. Many fine examples survived the blitz of World War Two. I remember in Senglea, the balconies of the D'Homedes Villa and the House of La Sengle`(Id-Dar il-Kahla), both built in the 16th Century and destroyed during the last war.

During the 16th and 17 th Centuries baroque style open balconies were built in Valletta, Mdina and in the Cottonera cities. Many are still there to see. The open balconies of this period compare very well with those contemporarily built in Sicily and Italy. During this period there were no closed





type balconies, in either timber or stone, built. 18th Century enclosed-type balconies are very rare in Sicily and still more so on mainland Italy, so there was no likelihood of the Maltese copying the idea and introducing it here.



The change began in the early years of the 18th Century when it became fashionable to replace the existing open balcony with an enclosed wood balcony. Many such wooden structures began to appear all over the City of Valletta, Cottonera and in the villages. One of the first such open balconies to be enclosed was the large corner one on the Grand Master's Palace in Valletta. One could still notice that section, which is an open balcony as it was originally along Archbishop Street. Another early example of the adaptation of an open balcony to an enclosed one was that of "Dar il-Kahla" (The Blue House) at Senglea, which was unfortunately destroyed during the last war.

Enclosed balconies became a "fashion" and although some, admittedly look rather cumbersome in aspect, they are very practical for use in all kinds of weather. They offered shelter, seclusion, privacy and security for the housewife and the other female members of the household, to have a look outside the home on to the street below, without much fear of trouble or annoyance.

In North African and in Eastern countries we meet with such enclosed wooden balconies. These evolved through a strict social tradition dictated by a religious observance. Women secluded and barred from showing themselves in public had the balcony from which to look on to the street below through a louvered shutter. However this was not the case in Malta. Balconies were the domain of the Maltese womenfolk and obviously a woman had her say about its design. Her balcony had to look different from that of her neighbours, as a dress, a hat or a faldetta would have had to be.

There were folk songs composed about the balcony; the opening verse of one of these "Ah lilek tal-gallarija, ........" must have sent many a woman scurrying in a huff inside.



Looking closely at some 18th C. balconies, one could presume that the design and shape of these were custom made, specifically designed according to the wishes and whims of the customer. The balcony was a challenge and a job for the specialist joiner to manifest his skill and craftsmanship. There were a great number of balconies constructed and a great variety in design, shape and size. One has simply to walk around the streets of Valletta to admire them. These balconies are Malta's National Heritage and must be protected, restored and preserved. In the Three Cities of Cottonera most timber balconies were lost during the blitzes of the 2nd World War.



The narrowness of the streets of the Three Cities of Cottonera made balconies of little advantage as they offered hardly any privacy except to the houses facing the sea, the squares, the wider main streets and those houses which looked on the open spaces of the bastions.

During the 18th and 19th Centuries some beautiful and well-proportioned enclosed-type timber balconies were constructed on houses in the rural areas too, but those in Valletta excelled in design and craftsmanship. If the Maltese enclosed balcony has any oriental or North African influence or character, these have been much mitigated by its Europeanised form, proportion and design, especially those which were constructed to fit on to the contours of the baroque balcony plinths of some of the palaces and patriarchal houses in Valletta.



The 19th and 20th Centuries saw a continuation of the tradition in the construction of enclosed wooden balconies. Balconies continued to be that prominent feature of our domestic architecture. It was still a specialist's job to construct these structures. More so when it came to the long rows of balconies of workers' homes in newly built areas, such as Hamrun and Paola, when balconies began to be standardised in size and shape.

High rise, four to eight storeys high apartment buildings in the cities, especially in Valletta, required the production of rows of equally sized, design and colour enclosed balconies, that lead as a result to make the cityscape look somehow monotonous.

Building Bye-Laws and Regulations were issued to control the balcony's safety, projection, size, height and the distance a balcony had to be kept away from the party walls of the adjacent habitations. From time to time Price Regulations for materials and construction of balconies were also issued.

Except for the few timber balconies of some distinctive design or shape, mostly were painted with an oil based faun, light buff or cream colour. The Vienna green, popularly referred to as the Senglea green, was another very popular colour for balconies all over Malta. The use of red paint on balconies was frowned upon, as it was considered to be too showy and vulgar.

Lately, the intrusion of metal in the construction of balconies produced some soulless and ugly results. However, on the positive side, there is nowadays encouragement for the conservation, restoration and protection of what exists of his unique and endemic National architectural feature.

**Angelo Dougall**
March 2000

## XOGHOLIJIET MILL - MEMBRI TA' L-GHAQDA TAL - FOLKLOR

**Ġużè Cassar Pullicino** ħareġ il- "Folktales of Malta and Gozo" 2000 b'aktar minn 200 faċċata; fih daħħal ukoll xi ftit leġġendi. Kiteb ukoll il-kapitlu "The Folklore of Naxxar" fil-ktieb "Naxxar A Village and its People" Edit. Paul Catania u Louis J. Scerri, 2000. F'dan il-ktieb dwar in-Naxxar, insibu wkoll kapitlu "Casal Nasciaro During the Rule of the Knights" ta' **Kennieth Gambin,** u ieħor "Trades and Crafts of the Past in Naxxar" minn **Guido Lanfranco**. Lanfranco għamel serje ta' taħditiet dwar "Aspetti tal-Folklor Malti" fis-sede ta' l-AZAD il-Belt, dwar Folklor tal-Familja lill-membri ta' l-Universita tat-Tielet Eta, u taħditiet oħra dwar suġġetti folkloristiċi lil diversi ċentri u għaqdiet, u s-Sitt Kungress Mediku li sar f'Malta f'Settembru, dwar mediċina popolari. Minbarra dan kiteb għadd ta' artikoli f' ġurnali u programmi tal-festi, reċensjonijiet tal-ktieb "Qwiel u Qaddisin" ta' Victor J. Galea, u programmi fuq ir-Radju u t-televiżjoni, dejjem mill-lat folkloristiku. **Ġużè Chetcuti** ħareġ il-ktieb "Ġrajjiet mill-Ħajja ta' Kappillan" li fih għoxrin novella f'aktar minn 130 paġna. **Joseph Vella Bondin** kiteb il-ktieb "Il-Mużika ta' Malta sa l-Aħħar tas-Seklu Tmintax" maħruġ fil-Kullana Kulturali tal-PIN. Għamel ukoll tlettax-il xandira fuq ir-radju tal PBS dwar "Il-Mużika Folkloristika ta' Malta" Fit-*Treasures of Malta* Summer 2000, Vol.VI No.3 **Anna Borg Cardona** kitbet dwar "Celestial Music For The Virgin". Din is-sena, **Pual George Pisani** ħareġ il-ktieb "Id-Duwa tal-Madalena", li kien ħejja missieru Ġorġ Pisani qabel ma miet u li ma laħqx ippubblikah. **Joseph C, Camilleri** kompla jikteb għadd ġmielu ta' artikoli fil-gazzatti u perjodiċi, dwar storja u aspetti ta' nteress folkloristiku. **Angelo Dougall** kiteb "The Maltese Balcony, A Historical Approach" ; issibu kopja tiegħu f'din il-ħarġa ta' "L-Imnara".

- - - - - - - - - - - - - - -

Nifirħu lil **Karmenu Ellul Galea** li rċieva l-medalja M.O.M. f'Jum ir-Repubblika.

- - - - - - - - - - - - - - -

*Nota Editorjali*: Hajr lis-Sur John Sciberras, membru tagħna, kittieb u għalliem tal-Malti, li ġentilment għoġbu jiċċekkja l-ortografija ta' l-artikoli li jidhru bil-Malti f'din il-ħarġa.

## GĦAQDA MALTIJA TAL-FOLKLOR LISTA TA' MEMBRI EFFETTIVI GĦAS-SENA 2000

Presidenti Onorarji: Cassar Pullicino A.L.A. Ġużè, "Lares" Triq Dr. Zammit, Balzan BZN 06 Bonnici Calì, Raf., 17, Triq Paola., Tarxien PLA 11 Mikallef Buħaġar, Karmen, "Dar Bebbuxu", 55 Downton Ave. London SW 2 3TU

Membri onorarji: Veriè, M'me Aurora, 22, Avenue de Buros, PAU 64000, France

Membri effettivi:

Attard, Anton, "Sidtna Matija" Triq il-Qaliet, Wied il-Għajn ZBR 10
Bezzina, Christine, 59, Triq Zekka, Valletta VLT 12
Bianchi B.Sc., Nicholas C., "Villa Fort", Triq Preca , Lija 04
Bonanno, Henry, 21, "Ophrys" Triq Ġuże Cardona, Qormi QRM 08
Bonello, E., 52, Triq Bishop Labini, B'kara BKR 05
Bonnici Dip.Bus.Law & Acc., John A., "Marise" Flat 2, Old Railway Av. Balzan
Borg Cardona B.A., L.T.C.L., Anna, "Ċiklamina" Triq il-Qarċilla, Balzan BZN 07
Bugelli, David, 43 J/2 St.Paul's Buildings, Triq il-Punent, Valletta VL 12
Calleja, Frankie, "Tinkerbelle", Triq il-Kunvent., Żabbar ZBR 04
Camilleri B.A.(Gen.), B.Ed.(Ad.& Man.) Jos. C., "Ilqugħ", 32 Triq il-Muskatell, Attard BZN 04
Cassar B.A., M.Ed., Ph.D., Dr. George, 78, Triq Papa Piju XII, Mosta MST 05
Cassar, Jonathan, "Flinnville", Triq il-Barjola, Gudja
Cassar, Lawrence, 24-25, Triq Zondadari, Rabat, Malta RBT 12
Cauchi, Mrs. Catherine, "The Cycads", Triq is-Sienja, Attard BZN 06
Cesare, Salv., 14, Triq Laqxija, B'kara BKR 03
Chetcuti M.O.M., Ġużè, "Żerniq", 8 Flat 10, Triq Għar il-Lenbi, Sliema SLM 16
Chircop Ph.D., Dr. John, 53, Triq Fikus, Żabbar ZBR 07
Ciantar, Josette, 2, Flat 2, Triq il-Kardinal, Birgu CSP 08
Cilia, George, 64, Triq San Vincens, Sliema SLM 07
Cini, Joseph, "Merħba", Triq Leli Falzon, Naxxar NXR 04
Cini Hubert Flat 20, 19th March Court, Triq it-Turisti, S.Pawl il-Baħar SPB 06
Cuschieri, Carmel, "St. Mary", Triq Ross, San Ġiljan STJ 10
Debono, John, 63, Triq N. Cotoner, Lija, BZN 10
Diacono, Josephine, 9, Triq Agius Muscat, Żabbar
Dougall, Angelo, 76, Triq San Mikiel, Birżebbuġa, BBG 02
Ellul, Joe, 60, Triq S. Rokku, Qormi QRM 11
Ellul Galea M.O.M., Karmenu, 32, Triq Tal-Borg, Paola PLA 06
Farrugia, Frans, "Mon Delice", Dawret Ħal Għaxaq, Ħal Għaxaq ZTN 13
Felice B.Ch.D., John, Krypton Chemists Triq Ta' l-Ibraġ St.Andrews STJ 13
Fenech, Alfred, "Grezz", Triq id-Dirsa, Attard BZN 05
Fenech, Joseph M., "Massabielle" 7, Triq Mons. M. Azzopardi, Siġġiewi QRM 15
Fenech, Louis, "Faraġ", Triq Stiefnu Erardi, L-Iklin
Fenech, Martha, 26, Triq Ponsomby, Mosta MST 07
Formosa B.A., Patrick, "Patros", Triq Wignacourt B'kara BKR 08
Gambin, Kenneth, B.A.(Hons.), M.A. "Monserrat" Triq Gananton Tanti, Tarxien PLA 18

Ganado LL.D., Dr. Albert, 1, Triq M'Anton Vassalli, Valletta VLT 13
Gatt, Emanuel, 3 Alley 1, Barracks Str., Qormi QRM 04
Gatt, Ġużi, 7, Block C, Perry Court, Triq Birkirkara, San Ġiljan SLM 13
Glanville, George, "Spring" Triq Mater Boni Consilii, Fgura PLA 16
Griffiths M.D., F.R.C.S., Prof. V., 7, Palm Str., San Ġiljan STJ 12
Grima, Arthur, 129, Triq San Mikiel, Birżebbuġa BBG 02
Grima B.A., M.A., Joseph F., "Kosi Kot", Triq Ġuże Ellul Mercer, Qormi QRM 06
Grixti, Raymond, "The Winds" , Triq Clematis, Santa Luċija PLA 10
Jaccarini M.D., F.R.C.P., D.CH., Dr.C.J., "Dovedale", Garden Crescent,
The Gardens, St.Julians STJ 12
Lanfranco, Guido 78, Triq San Trofimu, Tas-Sliema SLM 02
Lia B.Ed.,(Hons.), B.A., Carmen, 18, Main Str., Żabbar ZBR 02
Lia, Gloria Ann, "Primrose" Triq il-Qaliet, Marsaskala ZBR 10
Magri-Naudi, Magda, "Torsance", 5 Triq Karlu Darmanin, Lija BZN 14
Mallia A.C.I.B., A.C.I.S., F.I.Met., Alfred, "Is-Sebuka", Triq Ta' Marmora
San Ġwann SGN 07
Masini L.P., Franco, "Cittadella", Triq il-Linja, Ħ'Attard BZN 05
Mifsud, Rita, 230, "Casa d'Amore", Constitution Street, Mosta MST 03
Mifsud Chircop B.A.(Hons.), M.A.(Hons.), Ġorġ, "Fommu bil-Għasel",
Triq il-Bufula Ħamra, Mosta MST 02
Muscat, Victoria, "Il-Musbieħ", Valley Road, Msida MSD 03
Pace, Tony, "La Traviata" Triq Dun Karm, L-Iklin BZN 11
Pellegrini LL.D., Notary Dr.F., "Sonata", Triq Tal-Mirakli, Lija BZN 10
Pisani, Maria R., 194, Triq San Pawl. Valletta VLT 02
Pisani LL.D., L.P., Dr. Paul George, 40 c, Main Gate Str., Victoria, Gozo VCT 103
Porsella Flores, J.F., 69, Triq il-Palma, Paola PLA 03
Puli, M.Q.R.,, Mary, 52, Triq Sant' Agata, Tas-Sliema SLM 07
Ragonesi, Anita, "The Oasis" Flat 6, Birkirkara Hill, San Ġiljan STJ 09
Risso, Capt. R., "Mon Fleur", Triq Sant' Antnin, San Ġwann SGN 04
Saliba, Raymond, 81, Triq Giovanni Barbara, Ħamrun HMR 05
Sammut, Julian, 79, Triq Tall-Grazzja, Ħaż-Żebbuġ ZBG 04
Sammut Testaferrata M.A., M.Phil., Jos.,
"Demaris", Triq Lascaris, Qawra Point SPB 05
Sarè, John Charles, 166, Triq Rudolphu, Tas-Sliema SLM 02
Schembri, Anthony, "Renton", Triq Ħaż-Żabbar, Fgura
Schembri A.F.M., Lt. Col. Mario, Block B Flat 4, Triq Bellavista,
San Ġwann SGN 03
Sciberras, John, "April", Triq il-Knisja l-Qadima, Birkirkara BKR 12
Sciberras, Joseph, "Stefanotis", Triq il-Knisja L-Qadima, Birkirkara BKR 12
Scicluna, John C., "Casa Scicluna", 18, Triq Robert Sammut , Tal-Virtu,
Rabat RBT 09
Scicluna, Marlene, "Tamarisk", Triq Ġużeppi Montebello, Tarxien PLA 12
Sejchell, Charles, "Il-Qannata", Triq L-Arkibusier, Żejtun ZTN 07
Soler, Albert, "Villa Maria", Triq Iż-Żerniq, Tal-Qattus, Birkirkara BKR 13
Spiteri Maempel, Mario, "Marvik", Triq l-Imdina, Ħal Balzan BZN 07
Tanti, Joe M., "The Greenfields", Triq L-Inkwina, Santa Venera HMR 07

**Tedesco, Joe, "Sunshine", Triq L-Aħwa Żammit, Qormi QRM 05**
**Testaferrata Bonici, Marquis J.P., 36, Triq il-Kbira, Ħal Lija BZN 10**
**Vassallo. Rose, "Primavera", Triq San Ġakbu, Siġġiewi QRM 13**
**Vella Bondin, Joe, 54, Triq il-Parroċċa, Santa venera HMR 18**
**Verie, M'me Aurora, 22, Avenue de Buros, PAU 64000, France**
**Zahra, Lorenzo, "San Lorenzo", 18 Triq Zerafa, Marsa HMR 03**
**Zahra, Vincent, 18/1 Block C, Triq Sophia, Cospicua CSP 02**
**Zammit, Caroline, "Casa Zammit", Triq Mons. A. Mifsud, Ta' Xbiex MSD 11**
**Zammit, Doris, "Ave Maria" Triq Sab Lawrenz, Birkirkara BKR 12**
**Zammit Maempel M.Q.R., D.Sc., M.D., Dr. G.,, 148, Triq San Franġisk, Ħal Balzan**
**Zarb, Marie Claire, 2, Planet Court, Tigne Sea Front, Tas-Sliema SLM 15**
**Zerafa, Lina, 45 Triq Idmejda, Ħal Balzan BZN 06**

***"L-Imnara" nibagħtuha wkoll: liIl-Librerija Nazzjonali (Valletta), Librerija Nazzjonali (Għawdex), Librerija ta' L-Universita ta' Malta (Tal-Qroqq), Librerija Pubblika (Furjana), Arkivji Nazzjonali (Rabat), Librerija tal-Mużew Nazzjonali ta' L-Arkeoloġija (Valletta), Librerija tal-Mużew Nazzjonali ta' L-Etnografija (Birgu).***


Kumitat Għaqda Maltija tal-Folklor 2000

| | | | |
|---|---|---|---|
| *President:* | **Guido Lanfranco** | *Viċi Pres.* | **Maria R. Pisani** |
| *Segretarju:* | **Alfred Fenech** | *Ass.Segr.* | **Angelo Dougall** |
| *Teżorier:* | **J.F.Porsella Flores** | *Ass.Też.* | **Joseph Fenech** |
| *Membri:* | **Elia Bonello, Carmel Cuschieri, Frans Farrugia** | | |
| *Editur:* | **Guido Lanfranco** | *Awditur:* | **Alfred Mallia** |